Diċembru 2015 - Nru. 25

# Leħen il-Punent




ta' RAPA
LTD
MARBLE & GRANITE • BUILDING MATERIAL
LIGHT FIXTURES • POWER & HAND TOOLS
STAINLESS STEEL & NYLON RODS • PAINTS
Total solutions for your home and business.
133, Dr. Anton Tabone Street, Victoria, Gozo.
Tel: 21 551 258 - 21 551 388 Tel/Fax: 21 554 024
Email: tarapa@maltanet.net
A new branch in Għ'sielem OPENING SOON


servizz bankarju sigur
Steve għadu kif ġie infurmat b'pagament permezz ta' SMS. Hu jirċievi pagamenti faċilment mill-mobile tiegħu. Permezz tal-BOV Mobile tista' tittrasferixxi flusek mill-mobile, tkun fejn tkun.
Sempliċi u sigur!
BOV Bank of Valletta
irċievi pagamenti bil-BOV Mobile
impenn lejn is-suċċess tiegħek
Steve Farrugia
Drummer, Airport Impressions
BOV MOBILE
2131 2020 | bov.com
NIŻŻEL L-APP B'XEJN MINN
Available on the App Store
ANDROID APP ON Google play
Android hi trademark irreġistrata ta' Google Inc.
Termini u kundizzjonijiet japplikaw.
Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, il-Belt Valletta VLT 1130
BOV
Bank of Valletta

# Leħen il-Punent

ĦARĠA SPEĊJALI TA' KULL SENA
Diċembru 2015 • Nru 25

Rivista maħruġa mill-
**KUNSILL LOKALI L-GĦARB**
Triq il-Viitazzjoni, l-Għarb GRB1044
Tel: 2156 0556 • Fax: 2156 2727
Email: gharb.lc@gov.mt

• KUNSILL LOKALI GĦARB •

| | |
|---|---|
| Sindku: | David Apap Agius |
| Viċi Sindku: | Carmen Vella |
| Kunsilliera: | Emanuel Muscat |
| | Shirley Anne Cecchini |
| | Anthony Camilleri |
| Segretarju Eżekuttiv: | Emily Amatulli Depasquale |
| Skrivana / Librara: | Christina Camenzuli |
| Staff: | Sandro Cauchi |

Kull korrispondenza għandha tintbgħat lill-"Leħen il-Punent", Kunsill Lokali Għarb



**Ritratt tal-Qoxra:**
Ħarġa Kulturali għal Malta
– Settembru 2015

***Cover Photo:***
*Cultural Outing to Malta*
*– September 2015*

• Grazzi lil-isponsors tagħna tal-għajnuna tagħhom matul is-sena.
• Grazzi wkoll imur għal-kontributuri ta' din il-ħarġa.

Issetjat u Stampat:
**InPrintMalta** - Għarb - 7701 6000

## F'din il-Ħarġa

4 Messaġġ mis-Sindku
8 Mill-Pinna tal-Kunsilliera
10 Messaġġ mill-Arċipriet
11 Messaġġ minn Fr. Samuel Grech
12 Iż-Żgħażagħ tagħna fl-Albanija – Fr Dominic Sultana
14 Messaġġi mill-Għaqdiet tal-Lokalita'
17 Proġetti 2015
18 L-Għarb Primary School
19 L-Emigrazzjoni Bikrija: mitt sena ta' Emigrazzjoni mill-Għarb ghall-Awstalja
24 Aktar fondi ghall-skambji kulturali ġodda
25 Children's corner
26 Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb
29 Il-warda tar-riħ fl-Għarb
30 Riċetti
31 Is-snin bikrin – L-importanza ta' l-Iżvilupp fil-lingwa u l-komunikazzjoni
32 Mid-djarju tal-Kunsill 2015
38 L-Estimi Finanzjarji
39 Hodie Christus Natus Est



# *Messaġġ mis-Sindku*

David Apap
david.apap@gov.mt
79492667

Għaddiet sena oħra mimlija ħidma u mpenji, ħidma li ma tieqaf qatt. Filwaqt li nkunu qed inwettqu l-programm imħejji u nimplimentaw l-ħidma ppjanata sa minn sena qabel ma tonqosx ħidmiet oħra li jkunu neċessarji sabiex inkomplu naġġornaw ruħna filwaqt li nkunu qed nippjanaw programm ta' xogħol għal aktar fit-tul. Nippruvaw inkunu pro-attivi għal kull eventwalita' sabiex issibna lesti għall-azzjoni. Dan kollu nagħmluh fl-istess ħin li nkunu qed niffaċjaw sfidi momentarji u allura dan ifisser pressjoni fuq l-uffiċċju. Grazzi lis-Segretarju Eżekuttiv u l-istaff li jadottaw għall-ħidmiet bla heda u tlaqlieq.

Il-Kunsill iffoka għal sena oħra l-ħidma tiegħu fuq it-terminazzjoni tal-proġetti u pprepara id-dokumenti neċessarji għall-ħlas.

Fost dawn il-proġetti kien hemm l-implimentazzjoni u twettieq ta' proġett tant mistenni r-riabilitazzjoni tal-ground tal-football b'dwal ġodda u wiċċ b'turf sintetiku, trakka tal-ġiri u bdil ta' fence madwar il-ground kollu. Nawguraw li dan il-proġett ikun mantenut tajjeb u fl-istess ħin nawguraw lil Għarb Rangers F.C. kull suċċess. Inħeġġeġ sabiex jitkattar aktar interess u ġenituri jagħtu daqqa t'id. Inħeġġeġ lil min jista' sabiex jikkontribwixxi finanzjarjament għax bħal f'kull għaqda volontarja jinħtieġu ħafna u ħafna finanzi sabiex iżżomm club għaddej. Infurmat li hemm numru ta' tfal li qed jieħdu sehem fin-nursery. Dan huwa s-sodisfazzjoni tal-voluntiera li jiffurmaw il-kumitat. Il-kumitat jagħti ħafna mill-ħin liberu tiegħu u għal daqs tant l-għajnuna u l-parteċipazzjoni ta' oħrajn u tal-ġenituri hija ferm importanti speċjalment jekk tmorru ma' uliedkom il-ground tarawhom jikkompetu tkunu qed turu fiduċja u tissapportjawhom moralment.

Issa li għalaqna parti mill-proġett u finanzjament mill-programm PPP tat-toroq li jiswa €444,222.00, qed naħsbu sabiex nibdew partijiet oħra. Kif ġa ħabbarna x-xogħol ser jissokta fuq Triq San Dimitri u aktar tard fuq Triq il-Madonna tal-Virtu' kif ukoll l-arja ta' wara l-Knisja. Dawn huma x-xogħolijiet tat-toroq li ser inkunu qed inwettqu tul 2016.

Proġett ieħor f'arja rurali kien ix-xogħol fuq il-wiċċ tat-triq ta' Wied ir-Ragħab. Din it-triq kienet f'stat ħażin ħafna u permezz ta' fondi li ġibna mill-Ewropa dan ix-xogħol setgħa jkun possibli bla ma messejna l-fondi tal-Kunsill ħlief għal ko-finanzjament żgħir li l-parti kbira minnhom irnexxielna inġibuhom ukoll mill-fond ta' ko-finanzjament tal-Gvern Ċentrali. Dan huwa eżempju ċar tal-għaqal li bih il-Kunsill irnexxielu jibbenifika minn fondi tal-Unjoni Ewropeja.

Tul din is-sena l-Kunsill ra kif saħħaħ is-sistema tas-sigurta' kif ukoll jiftaħ twieqi ġodda u aktar effiċjenti permezz ta' cctv camera sabiex dawk morda f'djarhom u ħutna l-emigranti jkollhom possibilita' u aċċess isegwu dak li jkun qed jiġri fil-lokalita' b'mod immedjat. Wieħed jista' isegwi l-funzjonijiet fil-knisja live u jisma' dak li jkun għaddej filwaqt li mill-pjazza ukoll hemm l-istess possibilita'. Barra minn hekk kienet installata webcam sabiex tikkontrolla l-użu ħazin tas-sinjali tat-traffiku. Tajjeb li wieħed ikun prudenti u barra li ma ipoġġix ruħu fil-periklu lanqas ma jkun ta' periklu għal ħaddiehor.

Is-saħħa tibqa' prijorita' u għal dan il-għan sar tibdil u titjib sostanzjali fil-Berġa sabiex inkunu nistgħu noffru servizz ta' saħħa aktar adegwata minn post aktar adattat, sikur u modern. Qed inħarsu 'il quddiem sabiex naraw kif nistgħu nagħmlu dan il-post jiffunzjona fil-massimu tiegħu b'aktar servizzi.

Il-Kunsill huwa mpenjat sabiex isaħħaħ ir-relazzjonijiet u pubbliċita' fuq livell Ewropew filwaqt li jirbaħ unuri prestiġjużi. Għal darb'oħra l-Kunsill Lokali l-Għarb kien wieħed mill-ħames finalisti tal-award EDEN. Dan l-istess premju kien mogħti lill-Kunsill fl-2011. Dan juri biċ-ċar l-istabilita' li tirrifletti t-tmexxija motivata u għaqlija.

Il-Kunsill tul is-sena li għaddiet kien impenjat jinvesti f'attivitajiet kulturali, edukattivi u soċjali. Suċċess kbir kienet il-ħarġa tas-sajf għal Malta fejn grupp imdaqqas għamilna żjara fil-parlament il-ġdid u żorna postijiet oħra li kienu ġodda fil-programm. Ħarġa oħra kienet għaż-żgħażagħ bl-impenn tal-



ambaxxatriċi taż-żgħażagħ Katrina Grima li ħarġu fuq boat party fejn żaru Kemmuna u qattgħu ftit ħin fil-kumpanija ta' xulxin.

Ma' attivitajiet li organizzajna kien hemm attivitajiet immirati għat-tfal u oħrajn għal adulti li jvarjaw minn story telling għat-tfal għall-attivitajiet sportivi għal kbar u adulti.

Jum l-Għarb kien ukoll iċċelebrat b'mod dinjituż u għal darb'oħra wara l-funzjoni fil-knisja ittellgħet serata kulturali bis-sehem tal-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni u grupp ta' tfal u adoloxxenti miċ-Ċentru Parrokkjali li tellgħu parti mill-musical Mose'. Tajjeb li wieħed isemmi s-sehem tal-Kunsill sabiex setgħa jkun organizzat is-summer club billi l-Kunsill offra s-somma ta' €600 sabiex jgħinu fl-ispejjeż. Tul is-serata ingħataw ukoll diversi rikonoxximenti li jibqgħu marka fil-ħidma tal-volontarjat ta' tant u tant voluntiera fil-lokalita' tagħna.

Fit-transazzjoni sabiex jinbidel il-mod kif ikun preżentat Seħer il-Punent u sabiex ma jkunx hemm l-ebda waqfa fl-edizzjonijiet tul l-aħħar sentejn rajna programmi differenti u iżgħar fil-preżentazzjoni. Il-ħsieb tal-Kunsill hu li jibdel dan il-festival f'wieħed aktar attrajenti li jiġbed numru akbar ta' telespettaturi. Dan qed nagħmluh sabiex tikber l-attivita' pero' irridu nkunu ċerti li l-involviment finanzjarju tal-Kunsill ikun wieħed limitat u allura jridu jinstabu sorsi oħra ta' finanzjament. Tajjeb ngħidu li tul l-aħħar sena wara li ġew sottomessi żewġ applikazzjonijiet l-Kunsill ma ingħatax finanzjament għal attivitajiet kulturali u allura konna limitati fejn jidħol budget. Inħarsu 'il quddiem.

Il-Kunsill qed jaħseb sabiex iwaqqaf monument fit-triq l-Għarb. Dan għandu iservi ta' merħba fil-lokalita' tagħna u jagħti xhieda tal-ħidma impenjattiva tal-Kunsill.

Inizjattiva oħra li ħa l-Kunsill kienet il-parteċipazzjoni flimkien ma' lokalitajiet oħra Għawdxin sabiex Għawdex issa qed igawdi minn sistema ta' dawl tat-toroq ġodda u LED. Ta' min jgħid li l-Kunsill qed jagħmel il-ħila tiegħu kollha sabiex fejn hemm dark pockets fit-toroq urbani jkunu stallati bozoz sabiex jeliminaw l-inkonvenjent li jġib miegħu d-dlam. Tajjeb li wieħed ikun jaf li kull bozza tiswa' madwar €510 b'installazzjoni b'kollox. Fil-preżent għandna talba li qed ikunu evalwati.

Proġett ieħor li qed jikkollabora fih il-Kunsill tagħna huwa inizjattiva meħuda mir-Rubberbodies Collective u mill-kumitat Valletta 18. Fil-paġni t'hawn ġew wieħed jista' jaqra fid-dettal dwar il-proġett Windrose li jitratta l-bidla fil-klima u r-riħ li jaħkem il-gżejjer Maltin. Kif wieħed jista' jara ser titwaqqaf struttura attrajenti li fiha ser ikun hemm inkorporat pinnur għall-indikazzjoni tal-irjieħat. Aktar inizjattivi ser ikunu qed jittieħdu tul is-sena 2016.

Il-Kunsill għadu kif ħa f'idejh it-tmexxija taċ-Child Care Centre "Footsteps". Ser nibdew noperaw mill-4 ta' Jannar b'staff preparat u professjonali. Fil-jiem li ġejjin ser jitħabbru l-inċentivi u pakketti sabiex wieħed jieħu l-massimu tal-benefiċċju.

Waqt Jum l-Għarb ta' din is-sena l-Onorevoli Ministru Anton Refalo Ministru għal Għawdex ħabbar l-inizjattiva li jagħti għajnuna sabiex isir monument Nazzjonali f'ġieħ Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi. Il-Kunsill u l-kumitat imwaqqaf għal dan l-iskop jirringrazzja l-Onorevoli Anton Refalo li kien disponibbli u għamel possibli li din l-ħolma ssir realta'. Fil-ġimgħat li ġejjin ser tkun imħabbra data ta' inawgurazzjoni.

Awgurju ieħor imur lil dawk iż-żgħażagħ li flimkien ma' Fr. Dominic Sultana marru fil-missjoni u wettqu ħidma fejjieda ma dawk anqas ixxurtjati minna. Dan żgur li ser iservi ta' esperjenza għal ħajjithom.

Prosit tmur ukoll lil dawk l-istudenti li rnexxielhom wara snin ta' studju jigradwaw. Prosit lilhom u l-familji taghhom.

Nawguraw u nagħti prosit ukoll lis-Sur Michael Bajada li dan l-aħħar kien nominat għal premju ħaddiem tas-sena. Il-ħidma tiegħu irnexxilha twasslu mal-finalisti. Dan ifisser li l-impenn tiegħu huwa apprezzat ħafna. Dan huwa award prestiġjuz li jingħata fuq bażi nazzjonali. Nawguraw lilu u l-familja tiegħu li kienu wkoll ta' sostenn sabiex Michael seta' jasal sa hawn.

Nifraħ lis-Sur Massimo Briffa li għadu kif kien innominat bħala President tal-Kunsill Skolatisku mill-Kunsill Lokali u maħtur mill-Ministru tal-Edukazzjoni għal din il-pożizzjoni. Mill-ftit kummenti illi rċevejt waqt Jum iċ-Ċelebrazzjoni u l-concert tal-Milied jidher illi l-għażla kienet tajba u opportuna għaliex

il-kummenti kienu ferm pożittivi. Nawgura f'ismi u f'isem il-Kunsill il-ħidma t-tajba lis-sur Briffa flimkien mall-bqija tal-Kumitat skolastik il-ħidma t-tajba u fejjieda f'isem tal-tfal ta' l-iskola primarja Għarb.

Nisperaw ukoll li l-inizjattivi li kienu ser jittieħdu sentejn ilu mill-Ministeru għal Għawdex issa jidħlu fl-implimentazzjoni tagħhom. Qed nirreferi għax-xogħol fuq Sqaq tas-Sorijiet, Xogħol ta' tarmak f'Triq Tumas Cassar, xogħol ta' manutenzjoni fuq l-Arkata ta' Triq Sdieri u xogħol ieħor fuq Triq San Pietru u Birbuba u inizjattivi oħra li sal-lum kienu qed jinżammu milli jitwettqu. Min qed jirreżisti li dawn ix-xogħolijiet jitwettqu qed iħares biss lejn l-interess tiegħu personali u ma iħobbx lir-raħal TAGĦNA.

Inizjattivi oħra qed jittieħdu mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Justyne Caruana li dwarhom wieħed għad irid jitkellem u jikkonkludi. Bħal ma' ġa stqarrejt fid-diskors tiegħi waqt is-serata ta' Jum l-Għarb ser inħalli l-Onorevoli Justyne Caruana sabiex tħabbar dan il-proġett li issa qiegħed f'fażi avvanzata ta' ppjanar. Grazzi liż-żewġ membri Parlamentari Għawdxin li ma jonqsux li jagħtu l-assistenza tagħhom meta tkun mitluba.

Messaġġ ta' riflessjoni u awguri għas-sena li ġejja. Nawgura li s-sena li ġejja tkun waħda ta' għaqda u kollaborazzjoni bejn l-għaqdiet lokali, ċivili u dawk eklesjastiċi. Flimkien nistgħu nikkollaboraw sabiex nwettqu ġid għar-raħal tagħna li minnu jistgħu jgawdu uliedna.

Nagħlaq billi nibgħat l-awguri tiegħi u tal-familja u ta' sħabi l-Kunsilliera u staff tal-Kunsill, awgurju mimli imħabba u xewqat għal sena mimlija hena u suċċessi. Għal dawk li jinsabu f'djarhom għax morda jew għal xi raġuni oħra nibgħat ngħidilhom li qegħdin f'ħsiebna u fit-talb tagħna.

---

*Another year full of work and commitments has passed. Whilst working on the planned programs to be implemented, other tasks that are necessary arise in order to keep us updated whilst planning for a longer working plan. We try to be more pro-active to each event to find us ready for action. This is carried out in the same time as we are facing momentary challenges and this means pressure on the office. Thanks to the Executive Secretary and staff who carry out the tasks tirelessly and without hesitation.*

*During this year the Council has implemented the following projects:*

*The Rehabilitation of the Football Ground with new lights, synthetic turf surface, installation of jogging track and replacement of fence around the ground. A project which hopefully will be well maintained. I also wish the Gharb Rangers F.C. every success.*

*Public Private Partnership Project on Road Resurfacing a project with a total cost of €444, 222.00 where two road Church Street and Trux Street were completed and in the coming year works will start on Triq San Dimitri and Triq il-Madonna tal-Virtu' and the area behind the Church.*

*Another project carried out during the past year thanks to EU Funds was the Wied ir-Raghab road which was in a bad state but now thanks to EU funds allocated to the Council and co-financing by the Central Government this has been resurfaced with concrete.*

*CCTV Cameras have also been installed giving the possibility to sick, elderly and emigrants to follow all events and activities carried out live. One can also follow the mass at the Gharb Parish Basilica and activities in the main square. Both these cameras include sound which helps follow better the events. Another traffic camera installed was to control the traffic where everyone is encouraged to abide by the traffic signs in order not to cause any dangers to others or be a danger to himself.*

*Health is one of the main priorities of the Council where the Health Centre has been refurbished so that more health services can be provided from a suitable, secure and modern premises.*

*The Council has sustained its work also in strengthening its relations and publicity where this year, the Council has been one of the five finalists of the prestigious EDEN Award.*

*During the past year various cultural and educational activities have also been organized . The Cultural activity in Malta where a large group of residents was a success. During this visit the group had the opportunity to visit the Parliament and other different places. The youths enjoyed a boat party which was organized by the Youths Ambassador Katrina Grima visiting Comino and enjoying each other company.*

*Other activities were also organized for young children and adults. Gharb Day was celebrated including a concert by Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni and children attending the Parish Summer Club organized in collaboration with the Local Council participated with parts from the musical Mose'.*

*As for Seher il-Punent we have studied new programs and presentations in order not to have interruptions of this festival. The Council has thought of creating something innovative and attractive. Unfortunately the last two applications submitted by the Council have both been rejected. We hope that funds will be found since that it would not be possible to carry out through Council funds.*

*The Council is also working on setting up a monument in Gharb Road. Amongst others this will serve as a Welcome Sign.*

*Together with other Gozitan localities, the Council has participated in the changing of street lights into LED Lights . The Council is also working in requesting the installation of new lamps where there are dark*

*pockets in the urban areas. To install a lamp there is a cost of €510.*

*The Council is also collaborating in a project by Rubberbodies Collective and the Valletta 18 Committee which is the Windrose Project. More details about this climate and wind project can be found in this magazine. From the information one can notice that a structure will be installed which will incorporate a wind vane.*

*The Council has also taken under its administration the management of the Footsteps Child Care Centre. The operations will start from 4th January with professional and well prepared staff. In the upcoming days initiatives and beneficial packets will be announced.*

*During Gharb Day the Minister for Gozo also announced that his Ministry will be contributing towards the Bishop Nikol G. Cauchi monument. The Council and the sub-committee would like to thank the Minister for his assistance in making this dream come true. The inauguration date will soon be announced.*



*I would also like to congratulate the youths who this year went to Albania with Fr Dominic Sultana and to the students who graduated from the University of Malta and other institutes. Congratulations also to Mr. Michael Bajada for his nomination and Worker of the Year where he succeed in being one of the finalists.*

*I hope that the initiatives taken by the Ministry for Gozo these past two years will be implemented. Some of these works include the Alley next to the Band Club, resurfacing of Tumas Cassar Street, maintenance works on Sdieri Street Bridge and other works in St Peter Street and Birbuba Street. All those working against the implementation of these works are only looking towards their own interests and not the locality's interest.*

*Other initiatives will be taken by the Secretariat of Hon Justyne Caruana. These still need to be finalized and as I have already explained during my speech delivered on the occasion of Gharb Day I would like to leave this to Hon. Caruana to announce the said project which now is in and advanced planning phase.*

*A message of reflection and greetings for the new year. I hope that the coming year will contribute in having more unity between the local committees both the civil and the ecclesiastical ones. Together we can all help in achieving results for the benefit of our children.*

*I would like to conclude this message by joining my fellow councilors, Council Staff and my family in giving my best wishes for a year full of happiness and success. For those who are at home sick or for some other reason, I assure them that they are in our thoughts and in our prayers.*

## SERVIZZ TA' LIVE STREAMING TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL

**Servizz ieħor li qiegħed joffri l-Kunsill huwa dak ta' live streaming tal-laqgħat tal-Kunsill li jsiru kull xahar. Dawk kollha interessati li jsegwu l-laqgħa jistgħu jagħmlu dan billi jidħlu fuq il-website tal-Kunsill u jgħafsu fuq il-link tal-Live Streaming – www.gharbnet.com**

## LIVE STREAMING SERVICE OF COUNCIL MEETINGS

**Another service being offered by the Council is that of live streaming of Council meetings which are held monthly. All those interested in following these meetings can log on the Council's website and click on the Live Streaming link – www.gharbnet.com**

# Mill-Pinna tal-Kunsilliera





Wasalna għal tmiem ta' sena oħra bil-għajnuna t'Alla, u l-Kunsill jagħti tagħrif x'wettaq matul din is-sena 2015.

Kienet sena ta' ħidma li kważi kull xahar kellna xi attivita' ssir. Fi Frar nfetħet il-berġa lokali wara li saru xogħolijiet biex din tkun aktar effiċjenti u moderna. F'Ġunju reġgħet bdiet r-rotta tal-karozza tal-linja li tgħaddi l-ewwel mir-raħal tagħna bħalma kienet qabel, u tgħaddi minn Pjazza Sabina. F'Lulju tajna sehem fil-festa tar-raħal bl-infiorata u f'Awwissu ċċelebrajna Jum l-Għarb, attivita importanti għall-lokalita' tagħna fejn diversi persuni mir-raħal tagħna li jwettqu ħidma volontarja ġew ippremjati mill-Kunsill Lokali tagħna. S'intendi l-attivita' bdiet b'quddiesa fil-Knisja Parrokkjali u wara tkompla programm bil-qari ta' poeziji u żfin mit-tfal li ħadu sehem fis-'summer club'. Din l-attivita' jattendu ħafna għaliha r-residenti tagħna. Saret ukoll l-inawgurazzjoni tal-ground tal-football bit-terf fejn ġew mistiedna l-'players' kollha li sal-lum kienu jilagħbu l-football. F'Settembru kellna ħarġa speċjali għar-residenti tagħna għal Malta fejn żorna l-parlament ġdid ta' Malta fejn tawna informazzjoni dwar dak li jsir fil-parlament, morna l-Barrakka ta' fuq, l-Ġnien taċ-Ċiniżi, quddiesa l-Isla u fl-aħħar morna Smart City fejn hemm hekk kellna ikla tagħna. Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jattendu għall-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill.

Dawn huma ftit mill-attivitajiet, il-kunsill tagħna jagħmel diversi korsijiet kemm fis-Sajf kif ukoll fix-Xitwa, u għal dawn ukoll jattendu għalihom numru mhux ħażin. Dan l-aħħar kellna esebizzjoni fis-sala tal-Kunsill li kienet interessanti u li għalija attendew ħafna mill-barranin li joqgħodu fil-gżira tagħna.

It-tfal ħadu sehem fil-'car free day', f'Jum l-Għarb , kellhom 'party' f'Ottubru u issa attivita' fil-vaganzi tal-Milied. Il-Kunsill xtara ukoll kotba ġodda għall-liberija tagħna u qed jitqassmu l-'vouchers' lil dawk il-persuni li huma 'gluten intolerant' mill-uffiċju tal-Kunsill. Dan huwa ftit mit-tagħrif li jwettaq il-Kunsill, hemm iżjed ħidma sejra. Tistgħu ssibuha fuq il-Pjazza li joħroġ il-Kunsill kważi kull xahar. Importanti li tinqara, għax jkun fija ħafna informazzjoni importanti.

Minn dawn il-ftit kliem tiegħi nsellem lir-residenti, kemm Għawdxin kif ukoll barranin li joqgħodu fil-lokalita' tagħna, nixtieqilkom Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija hena u paċi u saħħa, u dak kollu li tixtieq qalbkom.

**Carmen Vella**, Viċi Sindku

---



Bħal snin oħra qiegħed inwassal messaġġ tiegħi lilkom il-qarrejja ta' din ir-rivista annwali "Leħen il-Punent".

Hekk waqt li qiegħed nikteb dawn il-ftit versi nzerta qed nisma' w niġbor xi nformazzjoni dwar dak li qiegħed jiġri madwarna. Propju din il-ġimgħa pajjizna laqgħa fostna diversi mexxejja ta' stati Ewropej u Afrikani, fejn ġew diskussi diversi temi fosthom u l-aktar importanti l-fenomenu tal-immigrazzjoni, fejn jidher li ntlaħaq xi froma ta' ftehim. B'kuntrast ma' dan qiegħed nisma' dwar attakki meskini li qed joħonqu ħajjiet innoċenti f'pajjizi qrib tagħna. Fatti bhal dawn iwaqqfuni naħseb w nirrifletti dwar kemm il-kultura li mrobbijin fiha qed tiġi minsusa. Minkejja r-raħal żgħir u kwiet tagħna ma' tantx qegħdin fil-qalba ta' dawn il-kriżijiet, xorta nħoss li bħala ċittadini u residenti għandna nkunu konxji minn dak li qed jiġri madwarna.

Meta nħares lura matul din is-sena li għaddiet kienu diversi drabi li ġejt avviċinat minn residenti tagħna li talbuni

nwassal l-ilment tagħhom. Nista' ngħid illi wara diskussjonijiet bħala Kunsill irnexxielna nsibu kompromessi u b'hekk wasalna sabiex tinsab soluzzjoni. Ta' dan nirringrazzja x-xogħol kemm tal-membri tal-Kunsill kif ukoll il-ħaddiema li b'paċenzja w impenn jagħmlu x-xogħol tagħhom għal ġid tal-komunita' tagħna. Filwaqt li nħeġġeġ sabiex jiġu mressqa l-ilmenti kemm b'mod personali kif ukoll b'mod kollettiv, waqt li nassigurakom li lesti nisimgħu dak kollu li għandkom x'tgħidulna. Fl-istess waqt niskuża ruħi ma' min l-ilment tiegħu għadu ma ġiex indirizzat.

Bħala għeluq ta' dan il-messaġġ bix-xieraq li f'dan iż-żmien tas-sena nwassal minn hawn l-awgurju tiegħi u tal-familja tiegħi lilkom il-qarrejja għal dan iż-żmien tal-festi. Għalhekk nawguralkom l-isbaħ xewqat għal Milied ħieni, filwaqt li nawgura sena ġdida mimlija risq u hena.

*"To all foreigners residing in our village - I would firstly like to wish you all the very best during the festive season. As residents, for sure you have your own queries and concerns. It's in everybody's interest that you feel welcome in our community. So if you feel the need to raise an issue which you feel requires our attention, please do contact us.*

*I take this opportunity to wish you a Merry Christmas and a Happy New Year".*

Tislijiet,

**Emanuel, Samantha, Samuel u Ema**

---



Dear residents of Għarb

The festive season is upon us once more again, how quick a year passes!

The Council of Gharb has again been working tirelessly to help progress and finalise projects, such as The Football Ground. This is something to make us all proud. Especially Gharb Rangers, who now have a 'home' and local support. 'Come on Rangers'!

We have new projects in the pipeline, such as the roads to San Dimitri and Madonna tal-Virtu Street are to be upgraded. These are just a couple of projects finished or are about to commence.

In between the projects to enhance our village, social events were organised. The Snooker Tournament, to name but one successful event, which was opened by The President of Malta who's charity the tournament, was raising money for. How exciting, a small village such as Gharb had the honour of her presence.

We are lucky to have a Mayor who is accessible and happy to help the residents of Gharb.

I am very proud to be a part of the Gharb community, and in a position that enables me to 'put something back' into our fine village.

I would like to take this opportunity to wish you all a Very Merry Christmas and a Happy New Year. Nieħu din l-opportunita' biex nawgura l-Milied it-tajjeb u Sena mimlija risq u hena.

**Shirley-anne Cecchini**

---



Ħbieb

Għaddiet sena f'kemm trodd salib. Il-ħidma tiegħi fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' l-Għarb kienet fil-quċċata tal-prijoritajiet u flimkien mal-kumplament tal-membri l-ohra ħdimt sabiex ikollna l-aħjar riżultati possibli f'dak kollu relatat mar-raħal tagħna tal-Għarb.

Fil-qasam tiegħi u ċioe' ndafa, titjib rurali u agrikoltura, ma nistax ma nsemmix l-proġett tal-irranġar tal-mogħdijiet fil-kampanja. Ressaqt il-lista tal-mogħdijiet kollha li hemm fir-raħal tagħna kif ukoll tkellimt mas-Sindku tar-raħal tal-Għasri fuq il-mogħdijiet li partijiet minnhom jagħmlu mar-raħal tiegħu. Il-pass li jmiss huwa li jsiru s-*site plans* tagħhom. Flimkien mal-Kunsill qed naħdem sabiex ningħataw għajnuna finanzjarja anke minn fondi tal-Unjoni Ewropea għall-irranġar ta' dawn il-mogħdijiet.

Qed inressaq l-appell tiegħi sabiex ikun hemm il-kollaborazzjoni ta' kulħadd bl-użu tal-kontineturi taż-żibel meta jkun armat il-monti fir-raħal. Din l-enfażi qed issir sabiex ir-raħal tagħna jibqa msemmi għal indafa tiegħu.

Nirringrazzja liż-żgħażagħ tagħna li għamlu unur fix-xhur li għaddew meta marru wettqu volontarjat fl-Albanija. Inħeġġiġhom sabiex iressqu miegħi proposti ġodda għat-titjieb tar-raħal tagħna!

Minn qalbi, nawgura lill-familji kollha l-Milied u s-Sena t-tajba mimlija b'kull risq u barka!

**Anthony Camilleri**, Kunsillier

---



Mill-Arċipriet Mons. Joseph Sultana

Messaġġ

# IL-PAPA FRANĠISKU JFAKKARNA FL-GĦOŻŻA TAL-ĦOLQIEN TA' MADWARNA

Ftit tax-xhur ilu, il-Papa Franġisku tana enċiklika sabiħa u fuq kollox ġdida fit-tematika tagħha dwar il-kura u l-għożża li għandu jkollna lejn il-ħolqien u d-dinja ta' madwarna, li l-Papa jsejjħilhom "id-darkomuni". L-Enċiklika tieħu isimha mill-invokazzjoni ta' San Franġisk , "Laudato si', mi' Signore", li fil-Kantiku tal-Ħolqien ifakkar li l-art, id-dar komuni tagħna, "qisha wkoll oħtna, li magħha naqsmu ħajjitna, u bħal omm sabiħa li tilqagħna f'dirgħajha". Aħna stess magħmulin mill-art. Ġisimna stess hu msawwar minn elementi tal-pjaneta, l-arja tagħha hi dik li tagħtina n-nifs, u l-ilma tagħha jaħjina u jsaħħaħna". Dan kollu jservi ta' riflessjoni għalina f'dan il-messaġġ li ġejt mitlub inwassal fuq din il-pubblikazzjoni annwali tal-Kunsill Lokali l-Għarb.

"Xi kwalità ta' dinja nixtiequ nħallu għal dawk li ġejjin warajna lil uliedna li qed jikbru?" - din il-mistoqsija hija l-qofol tal-enċiklika *Laudato Si'*. Naħseb li xieraq li din il-mistoqsija nagħmluha aktar personalizzata, u ngħidu: Kif ser ngħaddu l-lokalita' tagħna tal-Għarb lil dawk ta' warajna? Il-Papa Franġisku jfakkarna u jiktbilna: «Din il-mistoqsija ma tolqotx lill-ambjent b'mod iżolat għax il-kwistjoni ma nistgħux inħarsu lejha b'għajn parzjali» u dan iwassalna biex nistaqsu lilna nfusna dwar is-sens tal-eżistenza u l-valuri li hemm fl-għeruq tal-ħajja soċjali: «Għal liema raġuni ġejna f'dil-ħajja? Għal liema għan qed naħdmu u nitħabtu? Għaliex din l-art għandha bżonna?»: jekk aħna ma nagħmlux dawn il-mistoqsijiet fundamentali – jgħid il-Papa - «ma naħsibx li l-preokkupazzjoniet ekoloġiċi tagħna jistgħu jiksbu effetti importanti»



Waqt li napprezza l-fatt li qegħda tiżdied fostna r-responsabilta u l-impenn personali għall-kura tal-ambjent u l-ħolqien, fl-istess ħin għad fadal ħafna xi jsir biex aħna bħala bnedmin, residenti f'din il-lokalita nużaw aktar il-ħiliet tagħna biex nikkollaboraw biex nibnu d-dar komuni tagħna. F'dan ir-rigward il-Kunsill Lokali jieħu ħafna inizjattivi f'din id-direzzjoni imma dawn hemm bżonn li nagħmluhom tagħna lkoll. Fl-istess waqt inħeġġeġ lill-istess Kunsill biex inkurraġġit minn din l-enċiklika li tappella lil hemm mill-konfini tal-knisja Kattolika, jagħraf jieħu inizjattivi ġodda favur il-ħolqien ta' madwarna. Dan ikun it-twettiq tal-proposta li l-Papa Franġisku jagħmel fl-enċiklika biex f'kull livell soċjali, ekonomiku u politiku, jinbeda proċess ta' djalogu onest, biex kull proġett ikun imqanqal minn kuxjenza ffurmata u responsabbli biex nikbru flimkien fuq livell edukattiv, spiritwali, ekkleżjali, politiku u teoloġiku.

Il-Papa jgħidilna li San Franġisk "huwa l-mudell per eċċellenza ta' kif għandna nieħdu ħsieb tad-dgħajjef u kif ngħixu l-ekoloġija integrali bil-ferħ u b'mod awtentiku", mudell ta' kif "kemm ma jistgħux jinfirdu minn xulxin l-għożża għan-natura, il-ġustizzja mal-foqra, l-impenn fis-soċjetà u s-sliem ġewwieni. U għaldaqstant ningħaqad mal-Missier tagħna l-Papa Franġisku biex inħeġġeġ eżami tal-kuxjenza li jibda jinkludi wkoll dimensjoni ġdida, u jikkunsidra mhux biss kif wieħed ikun għex il-komunjoni tiegħu ma' Alla, mal-oħrajn u miegħu nnnifsu, imma ukoll mal-kreaturi kollha u man-natura.

Nawgura lill-Kunsill Lokali aktar ħidma waqt li nroddlu ħajr f'isem ir-residenti kollha tal-ħidma li twettqet tul is-sena 2015 li waslet biex tintemm. Tkunu mberkin.



**Fr Samuel Grech**

Messaġġ

Nibda qabel xejn billi nirringrazzja lill-Kunsill tal-istedina li għammilli li nwassal il-messaġġ tiegħi fuq dan il-fuljett.

Diġà għaddew xahrejn minn meta Mons. Isqof għoġbu jinnominani bħala kollaboratur fil-parroċċa tal-Għarb. Ninsab kuntent fostkom u nieħu din l-opportunità biex nirringrazzjakom tal-merħba li tajtuni.

Il-ħidma tiegħi fil-parroċċa bażikament iddur fil-biċċa l-kbira tagħha mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ tagħna. Il-ħidma mal-adolexxenti u ż-żgħażagħ hija waħda mill-pilastri ta' kull parroċċa. Huwa kamp fejn jista' jsir ħafna ġid ma din il-faxxa ta' età hekk delikata imma fl-istess ħin affaxxinanti u sabiħa.

Kull nhar ta' Tlieta fis-7.00 pm jiltaqa' l-grupp tal-adolexxenti fiċ-Ċentru Parrokkjali, liemagrupp huwa ffurmat minn studenti bejn Forms 2-4; filwaqt li kull nhar ta' Ġimgħa fit-8.00 pm jiltaqa l-grupp li huwa magħmul minn studenti tal-Form 5, 6th Form, MCAST kif ukoll universitarji. Nhar t'Erbgħa mbgħad jiltaqa l-grupp taż-żgħażagħ taċ-Ċentru 18+.





Nista' ngħid li l-attendenza għal dawn il-gruppi hija waħda inkoraġġanti ħafna u ninqeda b'dan l-artiklu biex nagħmel appell lil dawk li għadhom qatt ma ġew għal-laqgħat sabiex jiġu u jingħaqdu magħna.

Għal kull grupp qed ikollna programm varjat li jinkludu laqgħat u bosta attivitajiet. Għall-quddiem għandna maħsuba ħafna affarijiet sbieħ li nittama jkomplu jibnuna bħala grupp, kif ukoll isaħħu l-identità nisranija tagħna.

Nieħu l-okkażjoni biex nirringrazzja lill-animaturi li qed jgħinuni fl-organizazzjoni ta' dawn il-laqgħat, persuni li minkejja li huma mpenjati f'bosta oqsma – bħall-familja, ix-xogħol u l-istudju – isibu ħin biex b'mod volontarju jgħinu bit-talenti tagħhom fl-iżvolġiment ta' dawn il-laqgħat. Ma dawn l-animaturi niltaqa' ta' sikwit biex niprogrammaw il-laqgħat u l-attivitajiet minn ġimgħa għall-oħra. Meta naħdmu bħala team joħroġ iżjed frott li jkun ta' ġid għal uliedna.

Mill-ġdid grazzi lilkom ilkoll u nitlob il-barka t'Alla fuqkom.



# IŻ-ŻGĦAŻAGĦ TAGĦNA FL-ALBANIJA

Fr Dominic Sultana

Grupp ta' erbatax il-żagħżugħ mill-Għarb, f'Awwissu li għadda għamlu esperjenza missjunarja ġewwa l-Albanija, fil-parrocca ta' Dun Manwel Cutajar.

**Dun Manwel** beda l-missjoni tiegħu ġewwa l-Albanija fis-sena 2000 bħala Kappillan ta' parroċċa kbira bl-isem ta' Mamurras. Illum qed imexxi diversi parroċċi oħra mxerdin f'dan il-pajjiż li għalkemm parti mill-kontinent ewropew huwa pajjiż tat-tielet dinja. Il-ħidma prinċipali tiegħu hija li joffri dak l-aktar neċessarju fil-ħajja bħalma hu l-ikel, l-edukazzjoni u prinċiparjament iqaddes u jwassal l-ewkaristija fil-parroċċi mxerda.









**Hemmhekk iż-żgħażagħ tal-Għarb wettqu:**

- **xogħol ta' kostruzzjoni u manutenzjoni fi djar ta' 3 familji fost l-ifqar tal-Albanija.** Prinċipalment dan kien jinlkudi f'kisi u żebgħa tal-ħitan tad-djar, installazzjoni tas-sistema tal-elettriku u f'każ minnhom kisi tal-art. L-Ispejjeż għal din il-kostruzzjoni tħallsu mid-donazzjonijiet li offrew il-parruċċani tal-Għarb. Dawn iż-żgħażagħ ħadmu bla heda. Ta' min isemmi li f'ġurnata minnhom dawn għaġnu b'idejjhom 17-il xkora kisi u 5 xkejjer siment!
- **Ippreparaw u qassmu 150 *hamper* b'ikel bażiku għall-ifqar fost il-fqar.** Fost l-oħrajn dan kien jinkludi ross, għaġin, dqieq u żejt. Il-*hampers* tqassmu f'raħal mitluf ġol-muntanji magħruf bħala Malecaj-Kampi, post li fil-passat kien kamp ta' konċentrament. Dawn il-*hampers* li ma jiswew xejn għalina huma kollox għalihom. Filfatt ħin minnhom inqalgħet ġlieda bejn dawk li jirċievu l-ikel għax persuna sabet pakkett ross u pakkett għagin anqas fil-*hamper* tagħha!

- **Irregalaw baqra lil mara armla fqira ta' 38 sena.** Mara li sofriet ħafna mir-ragel tagħha meta kien ħaj. Din il-baqra li tiswa €700, ġiet irregalata minn familja mill-Għarb Għawdex u ser tkun ta' għajnuna kbira għall-għixien ta' din il-mara miskina u l-erbgħa ulied tagħha.
- **Irregalaw wkoll 8 nagħġiet (€500) biex koppja oħra jkollha biex tgħajjex lil 4 uliedha.**
- żaru **dar li tospita persuni b'diżabilita' severa mmexxija mis-Sorijiet ta' Madre Tereża, fir-raħal ta' Shkoder**.









F'nota fuq *facebook* dun Manwel Cutajar ġabar fil-qosor din l-esperjenza billi qal: "*Nixtieq minn qalbi nirringrazzja liż-żgħażagħ taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Parroċċa tal-Għarb li għoġobhom jiġu għandi fil-missjoni tal-Albanija. Kienu meraviljusi! Meddew għonqom għal xogħol ta' kostruzzjoni u refurbishment ta' 3 djar ta familji foqra tal-parroċċa fejn naħdem, Torovice. Ġabu ħafna ferh! Lil dawn il-familji, lil 150 familja oħra fqar fir-raħal minsi ta' Malecaj-Kampi, fejn qassamna hampers ta' ikel, (ross, dqiq, għaġin, żejt, etċ), u lil xi żgħażagħ oħra li akkumpanjawna tul din l-esperjenza.*

*Mimlija ħeġġa u enerġija, nistqarr li ma stajtx inlaħħaq magħhom! Kull fejn morna ġabu tbissima, bil-ħidma ġenerusa, briju, u solidarjeta li kienet tispikka f'kull inizzjattiva! Verament żjara ta' imħabba u ferh, li jispikkaw tant tajjeb fil-patruni tal-parroċċa tagħkom (tal-Għarb)!*

*Grazzi lil Dun Dumink Sultana, li organizza u mexxa tant tajjeb din l-attivita' taż-żgħażagħ! Prosit! Grazzi lill Arċipriet, kleru, u komunita' Parrokkjali tal- Għarb tal-kollaborazzjoni! Grazzi ħafna anke lill-familji ta' dawn iż-żgħażagħ, Għarb Boys, li nistgħu nsejħulhom Joy Boys! Mimlija kif inhuma bl-enerġija, ferħ u ħajja, 'ġennew' lil kulħadd! Tkunu imberkin! Grazzi! Grazzi! Grazzi!*



# *Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalita'*

**Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permess ta' 'Leħen il-Punent' jibgħatu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalita'. Hawn taħt qed jiġu ippublikati l-messaġġi li l-Kunsill irċieva mingħand l-għaqdiet.**

## *Leġjun ta' Marija*



Bi pjaċir il-Leġjunarji ta' Marija fl-Għarb jilqgħu l-istedina mill-Kunsill Lokali tar-raħal biex iwasslu l-messaġġ u x-xewqat tajba tagħhom għall-Milied u għas-Sena l-Ġdida.

Il-Milied u l-bidu tas-sena huma żmien ta' ferħ ma' kullimkien. Fil-ħajja mgħaġġla tal-lum, dak li jkun jieħu ftit nifs u jsib ħin jifraħ mal-familja tiegħu u ma' ħbiebu. Biss għal min għandu l-fidi Nisranija dan iż-żmien huwa wkoll żmien il-ħniena t'Alla.

Il-miġja ta' Ġesu' tarbija f'Betlehem hija turija tal-ħniena t'Alla lejn il-bniedem. Alla, "għani fil-ħniena", bagħat lil Ibnu stess biex isir bniedem bħalna u jurina bl-eżempju kif għandna ngħixu jekk nixtiequ li l-ferħ ta' dawn il-ġranet jibqa' magħna matul is-sena kollha. Dan ma jfissirx li matul is-sena kollox ikun ward u żahar. Il-ħajja tkompli bil-problemi li ġġib magħha. Problemi ta' saħħa, ta' nuqqas ta' ftehim, ta' familji li ma jlaħħqux mal-ħajja, ta' min iħossu waħdu, eċċ. Iżda qalb dawn il-problemi, il-fidi Nisranija taf kif tagħtik it-tama w's-sabar biex ma taqtax qalbek u tagħraf tibqa' fit-triq it-tajba.

Il-Papa Franġisku jfakkarna li kienet il-ħniena t'Alla li "ħelset lil Żakkew u 'l Mattew mill-jasar tal-flus; lill-adultera u l-Maddalena milli jqiegħdu l-ferħ tagħhom biss fi ħlejqa; bikkiet lil Pietru wara t-tradiment, u wiegħdet il-Ġenna lill-ħalliel niedem."

Għadu kemm beda l-Ġublew Straordinarju tal-Ħniena biex niftakru li "Il-ħniena dejjem se tkun ikbar minn kull dnub, u ħadd ma jista' jqiegħed limitu għall-imħabba ta' Alla li jaħfer." Niftakru wkoll "Kemm drabi tidher ħaġa iebsa li naħfru! U safrattant il-maħfra hi l-għodda mqiegħda fl-idejn dgħajfa tagħna biex nistgħu niksbu s-serħan tal-qalb. Li nwarrbu l-korla, ir-rabja, il-vjolenza u l-vendetta hi kundizzjoni meħtieġa biex nistgħu ngħixu henjin."

Xewqat tajba lil kulħadd għal Milied Ħieni u Sena Ġdida mimlija risq.

## *Azzjoni Kattolika*

### Ikun imfaħħar Ġesu Kristu

Għal grazzja t'Alla erġajna bdejna niltaqgħu għal laqgħat ta' l-Azzjoni Kattolika wara l-waqfa tas-Sajf. F'dawn l- laqgħat niġu mgħallma kif nistgħu nikbru spiritwalment u materjalment. Fejn ikun hemm l-għaqda dejjem joħroġ l-ġid meta magħmula b'intenzjoni retta. Wara li tlabna ħafna għall-ġid tal-familja speċjalment waqt s-sinodu, nistennew t-tagħlim li jwasslulna l-Papa u l-isqfijiet u nobduh. It-tagħlim li jgħallmuna kollu mħabba, ħniena u maħfra, biex ngħixu aktar ta' veri nsara u nkunu ta' ġid għal xulxin.

Il-Milied hi festa sabiħa li rridu nitħejjew għalija permezz tan-novena u nipprofittaw kemm nistgħu mit-tagħlim biex ikollna l-veru ferħ li jiġi mill-qalb. Dan nakwistawh billi nagħmlu qrara sinċiera speċjalment f'din s-sena tal-Ħniena u tqarbina tajba. In-nisrani jrid jkollu rieda tajba fil-ħajja tiegħu biex iwettaq sewwa dmirijietu anke meta jagħmel xogħol volontarju. Għandna nirringrazzjaw lill-Mulej u lill-Madonna għal tant ħidmiet li jsiru minn tant voluntieri fil-paroċċa tagħna. Nagħlaq billi nawguraw il-Milied t-tajjeb u s-sena ġdida lil arċipriet, lis-saċerdoti kollha u lill-parruċċani kollha tal-Għarb.

*Mill-membri ta' l-Azzjoni Kattolika.*

## *Kumitat Festa tal-Viżitazzjoni*

Ġejt mistieden mill-Kunsill Lokali tal-Għarb biex għal sena oħra nwassal il-messaġġ tiegħi f'isem il-kumitat tal-festa fuq din ir-rivista Leħen il-Punent. Nistgħu ngħidu li erġajna wasalna nofs triq bi tħejjija għal-festa li jmiss. Għall-kumitat iż-żmien itir bil-ħidma li ma taqta xejn kemm fil-maħżen tal-armar kif ukoll fil-ġbir ta' flus permezz t'attivitajiet biex inkunu nistgħu norganizzaw festa xierqa. Nistgħu ngħidu li l-festa li għaddiet kienet għal sena oħra suċċess. Kollox mar kif kien pjanat mingħajr ma kien hemm inċidenti. Komplejna nżidu l-armar u nirrestawraw l-armar antik. Kulħadd innota fil-jiem tal-festa t-trofej tal-pjazza miżbugħin bojod.

Wara li għaddiet il-festa dawn reġgħu ġew mibruxa u ġew sprenjati. Dawn ġew mibruxa b'paċenzja minn diversi rġiel mir-raħal kif ukoll miż-żgħazagħ tal-Għaqda tal-Armar. Hemm il-ħsieb li għall-festa joħorgu lesti fuq stil venezzjan. Ser jinħaddmu ukoll sett labardi u sett bandalori ġodda li bħalissa qed jiġu mfasslin għal fuq l-arbli tal-istess trofej.

Wara l-festa ukoll beda r-restawr fuq tmien anġli ta' Triq Frenċ tal-Għarb għax kienu fi stat ħażin ħafna. Dan ix-xogħol qed isir minn George Mizzi tal-Belt Victoria. Kif kulħadd jista jimmaġina, biex isir dan ix-xogħol kollu trid il-finanzi. Aħna dejjem sibna lill-poplu kollu tal-Għarb warajna u b'hekk qatt ma qtajna qalbna. Kull min jixtieq jgħin f'dawn il-proġetti jkellem lil xi membru tal-kumitat. Tkompla x-xogħol fuq il-pavaljuni tad-dawl kif ukoll l-bdil tal-bozoz tagħhom u tal-faċċata tal-knisja għal dawk *led's*.

B'dan it-tibdil, l-pavaljuni kif ukoll l-faċċata qed inaqqsu l-konsum tad-dawl fil-ġranet tal-festa. Ta' min jirringrazzja lill-kumitat tal-briju li ħa ħsieb dan il-proġett hekk kbir. Rigward ix-xogħol tal-maħżen nistgħu ngħidu li wasalna fi tmiem, minkejja li konna waqajna lura fejn il-voluntiera għamlu xi erba' xhur weqfin jistennew il-planki. Bħalissa qed titpoġġa l-appramorta ta' fuq il-bejt. Maħżen li ser ikun jilqa' fih l-armar f'aktar spazju mingħajr ma ssir ebda ħsara fuqu kif ukoll oġġetti u armar ieħor tal-parroċċa.

Nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li jgħinu lill-kumitat biex ikollna festa kbira u xierqa ad unur il-patruni tagħna l-Madonna u Santa Eliżabetta. Nħeġġiġkom tattendu l-attivitajiet li jorganizza l-kumitat fejn tkomplu tagħmlulna kuraġġ. Nikkonkludi billi f'ismi u f'isem il-kumitat nixtieq il-Milied u s-Sena t-tajba mimlija risq, hena u barka lill-poplu kollu tal-Għarb inkluż l-emigranti barra minn xtutna!

**Leonard Spiteri**, Segretarju – Kumitat Festa Viżitazzjoni

## *Grupp tal-Koppji*

### ĦIDMA FAVUR IL-FAMILJI TAGĦNA

Ġejt mitluba nikteb dan il-messaġġ qasir f'isem il-gruppi tal-koppji li jiltaqgħu għall-formazzjoni tagħhom fi ħdan il-parroċċa tagħna. Għandna żewġ gruppi ta' koppji.

L-ewwel grupp ta' koppji li ilu jiltaqa' diversi snin iżomm il-laqgħat tiegħu kull ħmistax. Din is-sena qiegħed jitmexxa mill-Arċipriet tal-Parroċċa tagħna. Ngħidu grazzi lil Dun Eddie Vella li s-sena li għaddiet għoġbu jakkumpanja dan il-grupp fil-formazzjoni tiegħu. Nawgurawlu fil-ħidma l-ġdida li beda fl-Iskozja. Is-suġġett li qegħdin jiġu diskussa waqt il-laqgħat tagħna huma mibnija fuq il-katekeżi li l-Papa Franġisku qiegħed iwassal waqt l-udjenzi ta' kull ġimgħa mibnija fuq il-familja u l-ħajja tal-koppja. Dan fid-dawl ukoll tas-Sinodu tal-Familja li ltaqa' ġewwa Ruma tul ix-xahar ta' Ottubru.

It-tieni grupp tal-koppji huwa dak iffurmat minn koppji li żżewġu dawn l-aħħar 10 snin. Għalkemm forsi naħsbu li ftit jammontaw dawn il-koppji fir-raħal tagħna, imma kull xahar inqassmu madwar 40 stedina. Minn dawn madwar 9 koppji jattendu b'mod regolari. Din is-sena Dun Samuel Grech li għadu kif beda l-ħidma pastorali tiegħu fil-parroċċa huwa responsabbli minn dan il-grupp. Nagħmlu appell biex aktar koppji jitħajjru u jattendu għaliex dan iżommhom marbutin mal-parroċċa u kelma ta' ġid ser tasal dejjem fil-qalb tagħhom.

Fl-aħħarnett għandna l-grupp tal-għarajjes li qegħdin jitħejjew għas-sagrament taż-żwieġ. Anke dawn huma ħidma favur il-familji ta' għada. Fil-preżent għandna numru sabiħ ta' għarajjes li jiltaqgħu kull ħmistax. Bħalissa il-laqgħat qegħdin jinżammu fid-dar tad-duttrina biex wara l-Milied jibdew jiltaqgħu fil-parroċċa ta' San Lawrenz. Ngħidu grazzi lill-koppji Cheryll u Daniel Cardona, u Manuel u Samantha Muscat li huma animaturi ta' din il-formazzjoni flimkien ma' Dun Anthony Bajada.

Filwaqt li nsellem lill-qarrejja kollha, nawgura l-festi t-tajba lill-Kunsill Lokali u lir-residenti kollha tal-Għarb.

***Mary Caruana***

## *Għaqda Mużikali Viżitazzjoni*

Għeżież qarrejja ta' dal-fuljett, għal darb'oħra erġajt ġejt mistieden biex inħarbex messaġġ ta' awgurju għal dawn il-festi f'isem l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni.

F'dan il-messaġġ qasir nixtieq ngħarrafkom bix-xogħol li sar minn din l-għaqda matul din is-sena. Il-kumitat ħadem u stinka kemm felaħ sabiex jinġabru fondi għal din l-istess għaqda u b'hekk inkunu nistgħu nagħmlu diversi proġetti, fosthom dawk importanti ħafna fil-każin. Ta' min isemmi wkoll u jirringrazzja lil tant voluntiera li taw daqqa t'id siewja biex għamilna xogħlijiet strutturali u ta' rranġar fil-każin.

Imma l-banda mhix il-każin biss. Hawn nirringrazzja lil tant voluntiera oħra li jgħinu fis-servizzi mużikali li tagħti l-banda. Nirringrazzja mill-qalb lil dak il-grupp ta' nisa li għalkemm ma jiffurmawx parti mill-kumitat xorta jkunu fuq quddiem fix-xogħol ta' 'fund raising'.

Il-banda qegħda taħdem sabiex tgħallem il-mużika u l-kultura lil diversi persuni. Għandna madwar 14-il alljiev li qed jitgħallmu strument, bit-tama li narawhom jingħaqdu mall-bandisti tal-post li għandha l-banda tagħna. Dan hu l-aktar xogħol importanti għalina u li kull proġett li nagħmlu jdur miegħu. L-għan tal-banda dejjem kien li jkabbar isem dan ir-raħal u l-festa. Tajna diversi servizzi u ħdimna fuq għadd ta' programmi mużikali ta' livell sabiex nilħqu dan l-għan.

Ħadna sehem f'okkażjonijiet differenti kemm fir-raħal u kemm 'il barra mill-konfini biex b'hekk inkunu qed nilħqu iktar l-għan tagħna. Ingħatajna servizzi prestiġjuzi f'festi popolari ġewwa Għawdex u b'dan aħna kburin ħafna. Mhux faċli għall-aħħar banda li twaqqfet ġewwa Għawdex li f'qasir żmien issir waħda mill-baned l-iktar attivi fi gżiritna, fejn baned b'aktar esperjenza minna jħarsu lejna b'ammirazzjoni għal dak li ksibna.

Intemm dan il-messaġġ billi nawgura l-Milied u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha partikolarment lill-voluntiera, il-benefatturi, il-bandisti, il-membri tal-kumitat, is-Surmast u l-Assistent tiegħu, il-President u l-parruċċani kollha ta' l-Għarb.

**Adrian Formosa**, Segretarju

## *Għarb Rangers F.C.*

**Kumitat Għarb Rangers F.C.**

### Ground tal-Football Ġdid

Sa fl-aħħar fl-Għarb għandna ground tal-football li jixraq liż-żminijiet tal-lum. Dan il-ground ma' kienx ikun possibbli li jsir kiku m'hemmx team tal-football tal-kbar fir-raħal tagħna. Tgħiduli għaliex? Għax il-Gozo Footbal Association ħarġet parti sostanzjali tal-ispiża u dan għamiltu biex l-Għarb Rangers ikollhom ground bil-ħaxix sintetiku fejn jittrenjaw. Mela dawk kollha li kienu jew qegħdin fil-kumitat u anke players ħaqqhom prosit u grazzi. Għax kien bis-saħħa tagħhom li team baqa' għaddej sena wara sena minkejja d-diffikultajiet. Hekk issa t-tfal u ż-żgħażagħ tagħna għandhom ground verament kif jixirqilhom. Mertu kbir ukoll għandu l-Kunsill Lokali li għaraf li l-Għarb Rangers ma għandhomx l-fondi neċessarji biex ikopru l-kumplament tal-ispiża u daħal hu bil-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu. Għalhekk grazzi kbira lis-Sindku David Apap Agius u lill-Kunsilliera kollha. Iż-żminijiet jinbiddlu! Illum għandi l-fuq minn sittin sena. Minn dejjem kont inħobb l-isport partikolarment il-football. Illum it-tfal fortunati li għandhom dawn il-faċilitajiet sportivi moderni. Aħna konna nilgħabu fit-toroq. Veru li karozzi ftit kien hawn għax illum ma nimmaġinax kif jistgħu t-tfal jilgħabu fit-toroq bit-traffiku li hawn. Il-ground sar bit-turf pero' rridu nibżgħu għalih u nagħmlulu manutenzjoni li hemm bżonn sabiex jitgawda għal tul ta' żmien. Nappella lil ġenituri biex jinkoraġġixxu lil uliedhom jipprattikaw l-isport għax barra li jagħmlilhom tajjeb huwa mezz li jbegħdhom mill-perikli. Nagħlaq billi ngħati l-isbaħ xewqat għall-Milied u sena ġdida lin-nies kollha tar-raħal tagħna ta' l-Għarb.

**Louis Apap**



# PROĠETTI - 2015

## Proġett M125 – Wied ir-Ragħab

Aktar kmieni fl-2014, il-Kunsill applika għall-fondi taħt il-Miżura 125, sabiex Triq Wied ir-Ragħab li tinsab fil-limiti bejn Birbuba u San Dimitri tkun tista' tingħatala wiċċ ġdid tas-siment. B'xorti tajba din l-applikazzjoni ġiet milqugħa u l-Kunsill ingħataw dawn il-fondi.

Fil-bidu ta' din is-sena l-Kunsill ta bidu għall-pubblikazzjoni ta' l-offerti sabiex jinstab kuntratt li jwettaq ix-xogħolijiet meħtieġa. Hekk kif tlesta l-proċess ta' l-offerti u wara li instab żmien li ma jtellef lil ħadd, l-Kunsill beda bix-xogħolijiet f'din it-triq. Ix-xogħolijiet ikkonsistew fi tqaxxir tat-triq, tindif u kisi bis-siment. Dawn ix-xogħolijiet ġew finalizzati f'Mejju 2015. Illum il-ġurnata l-bdiewa, dilettanti, viżitaturi għall-mixjiet fil-kampanja u oħrajn magħhom għandhom iktar aċċessibilita' u qed igawdu minn dan il-proġett.





**Programm tal-Iżvilupp Rurali għal Malta 2007 – 2013**
Assi 1- *Titjib fil-Kompetittivita' tas-Settur Agrikolu*
Miżura 125- *Infrastruttura relatata mal-Iżvilupp u l-Adattament tal-Agrikoltura*
Offerti parzjalment iffinanzjati mill-Unjoni Ewropea
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
Rata ta' Ko-finanzjament:
75% Unjoni Ewropea, 25% Gvern ta' Malta
L-Ewropa tinvesti f'Żoni Rurali

## Proġett M313 – Jitlestew ix-xogħolijiet fiż-żona ta' rikreazzjoni fi Triq Tumas Cassar

B'sodisfazzjoni kbira matul din is-sena, l-Kunsill iffinalizza l-proġett tant ambizzjuż, il-proġett taż-żona ta' rikreazzjoni. Dawn ix-xogħoljiet kienu jinkludu l-kostruzzjoni ta' trakka tal-ġiri (jogging track), dawl ġdid lil ground tal-football u fence ġdid lill-istess ground.

Jikkumplimenta dan ix-xogħol ġie iffirmat kuntratt bejn l-Għarb Rangers F.C. u l-Gozo Football Association fejn il-ground Perit Wiġi Portelli ngħatalu wiċċ ġdid bit-turf sintetiku. Dan kien xogħol ko-finanzjat mill-fondi tal-Kunsill Lokali.

Ix-xogħolijiet ġew finalizzati aktar kmieni din is-sena u fil-5 ta' Lulju, l-Onorevoli Dr. Justyne Caruana flimkien mas-Sindku David Apap Agius fil-preżenza tal-Viċi Sindku u Kunsilliera inawguraw u fetħu uffiċjalment t-tisbiħ tal-ground Perit Wiġi Portelli kif ukoll ingħata isem lill-kumpless sportiv li ġie msemmi għaż-żgħażugħ mill-Għarb li miet traġikament snin ilu u li kien ferm attiv fil-komunita', Mario Bajada. Waqt l-istess serata ġiet organizzata ukoll logħba football bejn it-team ta' l-'old players' u l-pleyers attwali ta' l-Għarb Rangers.



**Rural Development Programme for Malta 2007 – 2013**

Axis 3 – Improving the
Quality of Life in Rural Areas
Co-financing Rate: 75% European Union,
25% Government of Malta

The European Agricultural Fund for Rural Development:
Europe Investing in Rural Areas

## Monument – Isqof Emeritu Nikol Ġużeppi Cauchi

Għal diversi snin, il-Kunsill kellu x-xewqa li jwaqqaf monument tal-mibki Isqof Emeritu Nikol Ġużeppi Cauchi. Lura fl-2014 ġie imwaqqaf sotto kumitat sabiex jiddiskuti l-mod ta' kif dan jista' jsir realta'. L-ewwel u qabel kollox il-kumitat evalwa diversi modi ta' kif wieħed jista' jikseb il-fondi meħtieġa. Ried ukoll jiġi deċiż il-post f'post prominenti u ċentrali ġewwa r-raħal.

Waqt iċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum l-Għarb, il-Ministru għal Għawdex, l-Onorevoli Anton Refalo waqt id-diskors tiegħu ħabbar li l-Ministeru għal Għawdex ser ikun qed jiffinanzja l-istatwa tal-bronż.

Wara ħidma kontinwa u b'kollaborazzjoni sħiħa ma' l-Artist Adonai Camilleri Cauchi u l-fonderija il-Kunsill ser ikun qed iħabbar data għall-inawgurazzjoni aktar il-quddiem.

## Toroq Ġodda – Skema PPP

Il-Kunsill għaddej bil-preparamenti u ħidma kontinwa sabiex jitkomplew ix-xogħolijiet fuq żewġ toroq oħra fil-lokalita'. It-toroq li ser isiru huma Triq San Dimitri u Triq il-Madonna tal-Virtu'. Triq San Dimitri ser tinkludi wiċċ ġdid li mill-aħħar djar ta' Triq San Dimitri sa fejn il-kappelli. Dawn ix-xogħolijiet ser jiffaċilitaw iktar l-aċċess lejn din iż-żona kif ukoll tħeġġeġ għall-mixjiet fil-kampanja. Triq il-Madonna tal-Virtu' min-naħa l-oħra ser isiru fiha diversi xogħolijiet li jinkludu fost oħra bdil ta' servizzi u tqegħid ta' cables kif ukoll wiċċ ġdid ta' tarmak.

Il-Kunsill ser ikun qiegħed jagħmel mill-aħjar sabiex ix-xogħol jitwettaq fl-iqsar żmien possibli u bl-inqas inkonvenjenzi. Fl-istess waqt il-Kunsill jitlob sabiex ir-residenti jobdu s-sinjali li jitpoġġew waqt l-andament tax-xogħolijiet u l-avviżi li jinħarġu. Nistiednu ukoll sabiex tikkuntatjaw lill-Kunsill f'każ ta' diffikulta'.

## *L-Gharb Primary School*

Għarb Primary School was previously housed in a spacious building in Church Street. The present school was inaugurated on 29th April, 1961 and served as a primary school and a wig factory till 1971. Between 1972 and 1974, it served as both a primary and a girls' secondary school. When the block housing the secondary school was vacated, the premises started to be used as a Community Centre, including the offices of the Għarb Local Council, the Police Station, the Post Office and the Play School. Today, the school consists of two blocks and a hall.

In 1993, the school changed its name from 'Għarb Primary Mixed School' to 'Karmni Grima, Għarb Primary School'. Karmni Grima was a pious lady from the same village who received messages from Our Lady of Ta' Pinu. A mural of Karmni Grima was fixed to the school's facade. This was blessed by the then Bishop for Gozo, Mgr. Nicholas Joseph Cauchi, also from Għarb.

The school is part of the Gozo College, consisting of eleven Primary Schools, a Middle School and two Secondary Schools, one for boys and the other for girls. This school's building is spacious boasting of large classrooms adjoined by individual patios, a five-a-side football ground with synthetic turf, ample fields and open spaces. The school hosts approximately 100 students in three kindergarten and six primary classes. The kindergarten classes have both indoor and outside playing areas compounded with sessions including drama, storytelling, home corner, role corner, play area, rhymes and songs. The building hosts a Child Care Centre administered by the Għarb Local Council.

Primary subjects include Mathematics, English, Maltese, Science and Technology, Ethics and Social Studies. Other important subjects include Physical Education, personal, Social and Career Development, Information Technology and Arts and Crafts.

Support to pupils is also given in the form of Guidance lessons, Substance Abuse and Anti-Bullying, Core Competences and Complementary education. A multipurpose room serves as an office for the Visiting School Counsellor, the Speech and Language Pathologist, the school doctor and nurse, the Occupational Therapist and a Board Room. Each class is equipped with a library. Pupils are encouraged to contribute towards the class libary by donating a book on their birthday.

The school organises many activities related to class syllabi and takes part in other activities organised on a College or National level. Special care is given to the transition of pupils from Kindergarten to Primary (K2 to Yr1) and from Primary to the Middle School (Yr6 to Yr7).

Our school takes part in the EkoSkola School Campaign and helps pupils adopting an all round healthy lifestyle. Recycling, reusing and reducing are promoted as a way of living at our school to be taken up at home and in the wider community. Various NGO (Non-Govermental Organisations)and other stakeholders visit the school in connection with Environmental Education.

Two fairs are organised throughout the years: a bookfair in November and a Plant Fair in May. A monthly mass with the participation of the school choir. Eucharistic Day is commemorated in June culminating in a procession around the school with the Blessed Sacrament and the participation of all the school community.

Parents and the whole community are improtant stake holders. The adoption of an open door policy helps in the pooling of ideas and communication through various means be it the school website, questionnaires, scheduled appointments or email. All classes, Kindergarten included, are equipped with an Interactive Whiteboard and teachers make full use of these throughout the whole day. Core Competencies checklists and Complemnatary support teaching ensure that any problems are diagnosed and treadted as soon as possible.

# Emigrazzjoni Bikrija: mitt sena ta' Emigrazzjoni mill-Għarb għall-Awstralja

- Joseph Galea -

"Inħobb lil Malta bħala ommi, iżda l-Awstralja hija marti" jistqarr Domenico Puli emigrant Karkariż fl-Awstralja lill-istoriku Awstraljan ta" dixxidenza Maltija Dr Barry York[1]. Din hi l-imħabba li biha ħafna emigranti Maltin iħossu lejn art twelidhom u lejn l-art li addottathom. Ħafna Maltin u Għawdxin ħallew xtutna matul is-seklu għoxrin u anke qabel biex ifittxu ħajja aħjar f'art imbiegħda ħafna; '*art fit-tarf tad-dinja'*.

L-ewwel Maltin li marru l-Awstralja fl-1810 kienu priġunieri li kienu tturfnati l-Awstralja[2]. Għall-aħħar tas-seklu dsatax xi Maltin bdew imorru l-Awstralja bħala emigranti b'inizjativi privati bħal dik ta' Francesco Saverio De Cesare li f' Lulju tal-1882 ħalla Malta bi tmien emigranti Maltin, 24 siġra tal-larinġ, ftit żerriegħa tas-silla ta' Malta u żewġ karettuni tradizzjonali Maltin u wasal Brisbane f'Settembru[3]. Xi emigranti Maltin marru fit-tmenijiet biex jaħdmu fix-*sugar plantations* ta' Queensland. Mil-1885 sal-1911 ftit li xejn marru emigranti minn Malta għall-Awstralja għalkemm kienu twaqqfu żewġ inizjattivi biex dan iseħħ[4]. L-ewwel waħda kienet il-Pappaffy Fund li tħalliet minn Giovanni di Nicolo Pappaffy fil-wirt tiegħu meta miet fl-1886 u l-oħra kienet legat tal-Markiż Vincenzo Bugeja.

Kien fl-1912 li kien hemm żieda fl-emigranti lejn l-Awstralja. F'din is-sena, ir-Royal Commission for Malta Affairs rrikomandat li l-gvern għandu jinkoraġixxi l-emigrazzjoni għall-pajjiżi li jagħmlu parti mil-Imperu Brittaniku bħala rimedju għat-tkabbir tal-popolazzjoni ta' Malta[5]. Il-kummissjoni ssuġġeriet li n-Northern Territories tal-Awstralja huma post addatat għal din l-emigrazzjoni. Il-miġja tal-Isqof Clune ta' Perth tal-Awstralja jmexxi grupp ta' 400 kattoliku Awstraljan għal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar Malta fl-1913 għenet biex tiffaċilita l-emigrazzjoni lejn l-Awstralja. F'dik is-sena stess grupp ta' 44 Għawdxi mill-Għarb, San Lawrenz u Kerċem marru jaħdmu fil-minjieri ta' Mount Lyell fit-Tażmanja[6] (Figura 1).



Figura 1. Ħaddiema fil-minjieri ta' Mount Lyell, Tasmanja (*ritratt mit-Tasmanian Archive and Heritage Office*)

Fl-arkivji nazzjonali ta' Malta f'Santu Spirtu, Rabat, Malta wieħed isib l-applikazzjonijiet tal-passaporti ta' matul is-snin u fil-formola hemm imniżżel il-post fejn kienu ser isiefru u l-okkupazzjoni tagħhom. Is-snin 1913 sal 1917 ma kienux faċli għall-emigranti Maltin. Il-ħaddiema Awstraljani u l-unions tagħhom kienu jemmnu li l-emigranti Maltin ser jaħdmu għal ftit flus (*cheap labour)*. Kienu wkoll jaħsbu li waqt li ż-żgħażagħ u l-irġiel Awstraljani kienu qegħdin jiġġieldu fl-Ewropa, dawn il-Maltin kienu ser jeħdulhom ħobżhom u min iħaddem ser inaqqas id-drittijiet tal-ħaddiema li kienu rebħu b'ħafna taħbit, fuq medda ta' żmien u b'sagrifiċċji kbar[7]. Barra minn hekk l-Awstraljani ma kienux jikkunsidraw lil Maltin bħala nies bojod mil-Imperu Brittaniku iżda bħala taħlita ta' Afrikani u Ewropej u nferjuri għalihom.

Fl-1915, 159 passaporti ġew maħruġa lil Maltin biex imorru l-Awstralja li minnhom kien hemm 33 mil-Għarb u 13 minn San Lawrenz. Fost il-passiġieri kien hemm Dun William Bonnet li għen u ħadem bla waqfien biex jgħin il-Maltin fl-Awstralja[8].

Fl-1915 l-applikazzjoni ta'rġiel mil-Għarb għal passaport biex imorru l-Awstralja fl-ordni li applikaw kienu kif ġej[9]:

| | |
|---|---|
| Grima Giuseppe | Field Labourer |
| Portelli Salvatore | Labourer |
| Galea Giuseppe | Field Labourer |
| Frendo Giuseppe | Field Labourer |
| Camenzuli Lorenzo | Field Labourer |
| Cassar Salvatore | Field Labourer |
| Vella Luigi | Field Labourer |
| Cauchi Fidel | Field Labourer |
| Custo' Giuseppe | Labourer |
| Cauchi Francesco | Farmer |
| Portelli Felice | Labourer |
| Mizzi Felice | Farmer |

| | |
|---|---|
| Camenzuli Lorenzo | Farmer |
| Camilleri Michelangelo | Field Labourer (t'Għammar) |
| Camilleri Giuseppe | Farm Hand |
| Gatt Lorenzo | Mason |
| Piscopo Luigi Salvatore | Agriculture |
| Cauchi Angelo | Labourer |
| Camenzuli Giuseppe | Labourer |
| Cassar Salvatore | Labourer |
| Axiak Giuseppe | Labourer |
| Camenzuli Antonio | Barber |
| Mizzi Carmelo | Farm Hand |
| Agius M'Angelo Francesco | Agriculture |
| Frendo Giuseppe | Farm Hand |
| Mercieca Carmelo | Farmer |
| Caruana Salvatore | Field Labourer |
| Vella Carmelo | Farm Labourer |
| Camilleri Luigi | Farm Labourer (t'Għammar) |
| Caruana Agostino | Field Labourer |
| Vella Giuseppe | Agriculture labourer |
| Cassar Antonio | Miller |
| Cassar Giovanni | Labourer |

Fl-1915, l-applikazzjonijiet ta' rġiel minn San Lawrenz kienu:

| | |
|---|---|
| Grima Giuseppe | Labourer |
| Mizzi Luigi | Labourer |
| Mizzi Francesco | Barber |
| Axiak Giuseppe | Agriculture |
| Cauchi Giuseppe Francesco | Labourer |
| Grima Lorenzo | Labourer |
| Cauchi Giuseppe M'Angelo | Labourer |
| Grima Luigi | Agriculture |
| Cauchi Francesco | Farm Hand |
| Cauchi Lorenzo Francesco | Agriculture |
| Cauchi Francesco | Farm Labourer |
| Mizzi Lorenzo | Agriculture Labourer |
| Mizzi Giuseppe | Farmer |

Salvatore Portelli kellu l-ewwel passaport bir-ritratt f'Malta (Figuri 2 & 3).

Fl-1916 l-applikazzjoni ta'rġiel mil-Għarb għal passaport biex imorru l-Awstralja fl-ordni li applikaw kienu kif ġej[10]:

| | |
|---|---|
| Paolo Giuseppe Zammit | Field Labourer |
| Giuseppe Michele Zammit | Field Labourer |
| Marcello Aquilina | Field Labourer |
| Giovanni Camilleri | Agri Labourer |
| Giuseppe G Cassar | Field Labourer |
| Salvatore G Grima | Field Labourer |
| Francesco Galea | Field Labourer |
| Carmelo G Camenzuli | Field Labourer |
| Giuseppe Grech | Field Labourer |
| Davide Giovanni Agius | Field Labourer |
| Carmelo C Cauchi | Field Labourer |
| M'Angelo Mizzi | Field Labourer |



Figura 2. L-ewwel passaport bir-ritratt kien ta' Salvatore Portelli ta' 25 (DOB: 3.1.1890) joqgħod fi Strada San Pietro 32 Garbo (Għarb) iben ta' Joseph u Margherita Cauchi maħruġ fis-16 ta' Jannar 1915 (numru 50). L-applikazzjoni għandha d-data tat-13 ta' Jannar u ffirmata mil-Arċipriet tal-Għarb, Carmelo Portelli. L-applikant għamel salib għax ma kienx jaf jikteb. Kien sejjer l-Awstralja bħala labourer (*Malta National Archives).*





Figuri 3A u 3B. Ir-ritratt ta' Salvatore Portelli (B) kien iffirmat mir-Reverendu William Bonnet bil-kliem "The present is a true photo of Mr Salvatore Portelli" u ffirmat Rev William Bonnet 2nd July 1915 (A)

| | |
|---|---|
| Giuseppe Cauchi | Farmer |
| Giuseppe Lorenzo Mercieca | Field Labourer |
| Giuseppe Salvatore Piscopo | Field Labourer |
| Luigi Lorenzo Spiteri | Field Labourer |
| Luigi Giuseppe Camenzuli | Field Labourer |
| Carmelo Paolo Mizzi | Field Labourer |
| Saverio Paolo Micallef | Field Labourer |
| Giuseppe Vella | Labourer |
| Carmelo Salvatore Formosa | Field Labourer |
| Giuseppe Michele Spiteri | Field Labourer |
| Lorenzo Cauchi | Tailor |
| Giuseppe Tabone | Field Labourer |
| Francesco Camenzuli | Labourer |

| | |
|---|---|
| Spiridione Camilleri | Field Labourer |
| Michel'Angelo Galea | Field Labourer |
| Francesco Debrincat | Field Labourer |
| Gio Maria Micallef | Field labourer |
| Lorenzo Grima | Field Labourer |
| Giuseppe Francesco Micallef | Field Labourer |
| Giovanni Cini | Field Labourer |
| Carmelo Mizzi | Carter |

Fl-1916, l-applikazzjonijiet ta' rġiel minn San Lawrenz kienu:

| | |
|---|---|
| Giuseppe Cassar | Farm Hand |
| Luigi Lorenzo Grima | Field Labourer |
| Giuseppe L Micallef | Field Labourer |
| Lorenzo C Mizzi | Field Labourer |
| Lorenzo G Cauchi | Field Labourer |
| Giuseppe Grima | Field Labourer |
| Lorenzo C Apap | Field Labourer |
| Giuseppe Grima | Field Labourer |
| Salvatore Axiak | Field Labourer |

Fis-sena 1916 kien hemm l-ġrajja li baqgħet imsemmieha fl-istorja bħala 'Il-Maltin ta' New Caledonia'. Nhar it-12 ta' Settembru, il-*Gange* (Figura 4) vapur tas-servizzi postali Franċiż telaq minn Malta fejn waqaf fi triqtu minn Marsilja lejn New Caledonia. Fuqu għabba 214 emigranti Maltin li kienu sejrin l-Awstralja. Il-Maltin kellhom jinżlu fil-portijiet tal-Awstralja u l-*Gange* jibqa sejjer New Caledonia, li hija gżira fin-nofs inhar tal-Oċejan Paċifiku, xi elfejn kilometru bogħod minn Sydney. Mil-214 li telqu minn Malta fuq il-*Gange* kien hemm mil-inqas 42 mil-Għarb (19.6%). Jista' jkun li kien hemm iżjed għaliex kien hemm 102 li m'għandniex irrikorrdjat minn fejn kienu. Kien hemm ukoll mil-inqas 13 (6.1%) minn San Lawrenz. Iktar minn kwart (25.7%) tal-emigranti minn dawk li ġew magħrufa li kien abbord il-*Gange* kienu jew mil-Għarb jew minn San Lawrenz.

L-ismijiet tal-irġiel mil-Għarb bil-laqmijiet tagħhom li siefru fuq il-*Gange*[11, 12]:

| | |
|---|---|
| Agius M'Angelo (Kalanġ) | Ta' Diżmaġġ |
| Aquilina Marcello | Tal-Gandlier |
| Axiaq Giuseppe | Ta' Pawluzzu |
| Axiaq Paolo | Ta' Pawluzzu (ħu Giuseppe) |
| Borg Giuseppe | Ta' Borom |
| Camenzuli Antonio | Ta' Jodros |
| Camenzuli Luigi | Ħanżira |
| Camenzuli Carmelo | It-Tinna |
| Camilleri Giovanni | Ta' Bonetti (aħwa) |
| Camilleri Luigi | Ta' Bonetti ( " " ") |
| Camilleri Michele | Ta' Bonetti (" " ") |
| Camilleri Matteo | Salvu il-Ġolf) |
| Camilleri Spiridione | Tal-Afrikan |
| Cassar Giuseppe | Tal-Grona |
| Cassar Salvu | Tal-Grona (ħu Ġużepp) |
| Cauchi Angelo | Iċ-Ċallu |
| Cauchi Carmelo | Tal-Pila |
| Cauchi Giuseppe (Massu) | Tal-Kanun |
| Cauchi Lorenzo | Tan-Neriku |
| Cremona Francesco | Ta' Żumink |
| Debrincat Francesco | Ta' Rejfil |
| Galea Francesco | Ta' Ċelest |
| Galea Giustiniano | (Kelinu) Tal-Loġġa |
| Gatt Agostino | Ta' Xortija |
| Mercieca Giuseppe | Tal-Pissu |
| Mercieca Pawlu | Tas-Sajf (ħu Frenċ tas-Sajf jew tal-Għarb |
| Micallef Gio Maria | Tat-Tuba |
| Micallef Giuseppe | Ix-Xufi |
| Micallef Saverio | Ta' Ferfer |
| Mizzi Carlo | Karmnu tal-Isqof |
| Mizzi Carmelo | Ta' Skardi (ħu Ġużepp) |
| Mizzi Giuseppe | Il-Wiżna (ħu Karmnu) |
| Mizzi Michelangelo | Ċanga |
| Piscopo Giuseppe | Tal-Psiku (ħu Nikol) |
| Piscopo Luigi | Tat-Tawru |
| Piscopo Nicola | Tal-Psiku (ħu Ġużepp) |
| Spiteri Giuseppe | Tas-Sultan (aħwa) |
| Spiteri Luigi | Tas-Sultan (" " ") |
| Spiteri Michele | Tas-Sultan (" " ") |
| Spiteri Pietro | (Piju) ta' Ċoqu |
| Vella Giuseppe | It-Teré |
| Vella Lorenzo | Tal-Bilbil jew ta' Peppa (ħu Ġużepp) |



Figura 4. Il-*Gange*, vapur tas-servizz tal-posta Franċiż

Minn San Lawrenz kien hemm:

| | |
|---|---|
| Apap Lorenzo | Ta' Girgor |
| Axiak Paolo | Ta' Vellita |
| Cassar Giuseppe | Taz-Zogu |
| Cassar Lorenzo | Taz-Zogu |
| Cassar Giuseppe | Taz-Zitta |
| Cauchi Lorenzo | Tal-Qaleb |
| Frendo Giuseppe | Tal-Għawar |
| Gauci Carmelo | Ta' Piċoru |
| Grima Giuseppe | Tal-Beqbi |
| Grima Giuseppe | Ta' Koli |
| Grima Lorenzo | Tan-Namrat |

| | |
|---|---|
| Mizzi Lorenzo | Tal-Beġiġa |
| Mizzi Lorenzo | Tas-Swijs |

Il-*Gange* ġie varat fis-6 t'Awissu, 1905 fl-La Ciotat fin-nofs inhar ta' Franza qrib Marsilja (Figura 5). Kien wieħed minn tlett vapuri (sisterships); it-tnejn l-oħra kienu "Euphrate" u "El Kantara". Ġie assenjat lill-linja Marseille-Saigon-Haiphong u beda jaħdem fit-30 ta' Lulju 1906. Il-"Gange" kien 141.35 metri twil u 16.06 metri wiesa' u kellu tunnellaġġ ta' 6880 tunnellata grossi. Kien iġorr 40 passiġier tal-ewwel klassi, 54 tat-tieni klassi u 1200 '*rationnaires*'. Kellu żewġ magni imħaddma minn żewġ *boilers* li jaħdmu bil-faħam. Kellhom saħħa ta' 3800 żiemel (*hp*) u l-vapur kellu ċumnija waħda u żewġ skrejjen u jtella velocita' ta' 13-il-knot. Fl-1914, il-*Gange* ġie rekwiżizzjoniet mis-servizz tal-posta Franċiż. Għereq meta ħabat ma mina qrib Biżerta fl-14 t'April 1917.[13]



Figura 5. Il-Gange qed jiġi varat f' La Ciotat fis-6 t'Awwissu, 1905

Fit-12 ta' Settembru 1916 il-*Gange* ħalla l-port ta' Malta u bl-għajnuna tar-Royal Navy li tagħtu rotta speċjali biex jevita s-sottomarini u vapuri tal-gwerra wasal Port Said fl-Eġittu f'17 ta' Settembru, Colombo f'Ceylon (illum Sri Lanka) fit-3 t'Ottubru u Freemantle l-Awstralja fil-21 t'Ottubru. Il-vapur inqabad f'baħar qawwi ħafna fl-Oċejan Indjan u kważi għereq.[14] Meta wasal Freemantle l-kaptan ġie ordnat biex ma jidħolx fil-port u l-vapur baqa' barra l-port għal jumejn, qabel ma tħalla jidħol biex jgħabbu l-faħam, jħottu l-merkanzija u jfornu l-vapur bil-provisti. Il-Prim Ministru Awstralja William Morris Hughes (Figura 6) ordna li l-emigranti ma jitħallewx jinżlu l-art.[15] Ried idaħħal il-lieva biex l-Awstraljani jmorru jiġġieldu fl-Ewropa fil-Gwerra l-Kbira u l-oppożizzjoni riedet li ma tiddaħħalx.

L-oppożizzjoni kienet qed tinsisti li l-lieva ser tkun preludju biex jiddaħħlu l-Awstralja nies tal-kulur u *cheap labour*. Dan ġiegħel lil Hughes biex ma jħallix l-iżbarkazzjoni tal-Maltin fi Freemantle u qal lill-kaptan biex jitlaq lejn Melbourne iżda ma jasalx qabel ma jkun sar ir-referendum tal-lieva fit-28 ta' Ottubru. Waslu Melbourne fit-30 t'Ottubru iżda għalkemm il-*Gange* għamel 3 ijiem jgħabbi l-faħam ħadd mil-Maltin ma tħalla jinżel l-art alavolja Hughes kien tilef ir-referendum. Ħadd ma jaf għax Hughes ġab ruhu hekk. Jista' jkun li ried ipattilhom għax tilef ir-referendum jew inkella ħaseb li l-qiegħa fuq l-immigrazzjoni kienet għadha taħraq wisq. Biex żgur ma jitilgħux l-art Hughes irranġa personalment li jkollhom eżami fl-edukazzjoni f'Williamson u dan l-eżami sar bil-lingwa Olandiża biex żgur ħadd mil-Maltin ma jgħaddi minn dan it-test.[16] Skont l-Att tal-Immigrazzjoni, jekk l-immigrant ma jgħaddix minn dan it-test, ikun pprojbit li jidħol l-Awstralja. Dan it-test qatt ma kien sar qabel ma Maltin sudditi tar-Renju Unit. Il-*Gange* ħalla Melbourne fit-3 ta' Novembru u wasal Sydney jumejn wara. Tpoġġiet għassa militari abbord il-vapur biex jipprevenu żbarkament illegali iżda 44 irnexxielhom jaħarbu minn fuq il-vapur. Ħmistax minnhom inqabbdu mal-ewwel u l-kaptan kien imwissi li ser jeħel £100 għal kull wieħed li jaħrab. Ħamsa biss ma nqabdux u numru minn dawk li nqabdu spiċċaw fil-ħabs ta' Long Bay (Long Bay Goal) (Figura 7).[17] Madanakollu l-akkużi kontrihom kienu mwaqqgħa iktar l-quddiem.



Figura 6. Il-Prim Ministru Awstraljan William Morris Hughes (1915-23) (*Wikipaedia)*



Figura 7. Il-Ħabs ta' Long Bay kif kien jidher fl-1916 (*Wikipaedia)*

Il-Gvern Awstraljan ma kienx jaf x'ser jagħmel b'dawn il-Maltin abbord. Il-kaptan Franċiż tal-*Gange* ma setax jeħodhom lura Malta għaliex il-vapur kien riservat għal 600 mitt suldat Franċiż li kien ser jiġbor minn Noumea, New Caledonia biex jeħodhom lura Franza. Fit-12 ta' Novembru l-vapur ħalla Sydney lejn Noumea b'183 Maltin għadhom abbord (Figura 8). Għalkemm ħafna fil-moviment laburista tal-Awstralja kienu kuntenti li kien ser jeħilsu mil-Maltin, ħafna oħrajn għamlu ħafna protesti favur il-Maltin.




Figura 8. Il-Vjaġġ minn Sydney għal Noumea
(*Modifikat minn Google Maps*)

L-editur tas-Sydney Morning Herald kiteb "*Malta is an Australian citadel, held mightily to our advantage and guarding our shortest and most used trade and passenger route to Europe and the Mother Country*".[18] Inkitbu ħafna ittri fil-gażżetti Awstraljani favur il-Maltin speċjalment minn suldati Awstraljani li kienu rikoverati jew alloġġati Malta fil-gwerra.[19]

Meta waslu Noumea, il-Maltin ġew mogħtija dar b'żewġ sulari f'Triq Rivoli. Kellhom kollox imħallas mil-Gvern Awstraljan. Kellhom sodod, lożor u kutri, ikel, sapun, borom u riċipjenti oħra tal-kċina, platti, mwejjed u iktar. Ġew ipprovduti kok b'erba' assistenti u tabib li kien jinvistahom kuljum. Għalkemm ħassewhom priġunieri f'Noumea, ma kienux batuti. Pawlu Hili mir-Rabat, Għawdex kiteb,lill-familja tiegħu minn Noumea "*Kulħadd ferħan hawnhekk. Immorru l-knisja: nieklu, nixorbu u norqdu u xejn iktar. M' aħniex imħabbtin kemm noqgħodu hawn, sakemm fl-aħħar immorru Sydney. Dak kollox. Nittamaw li Alla l-Imbierek ikollu ħniena minna…….saħħa, saħħa…".*[20] Ġużepp Camenzuli ta' Jodros jgħid li zijuh Toni li kien meħud New Caledonia kien jgħid li kienu ttrattati sew.[21]

F'nofs Diċembru rritornaw lejn Sydney fuq vapur jismu 'St Louis' u ġew trasferiti għal ġo vapur abbandunat jismu l-*Anglia* (Figura 9) u miżmuma qishom priġunieri. Dan it-trattament ħażin mal-Maltin qajjem agħa kbir f'Sydney li wasal f'widnejn nies importanti. Dun William Bonnet li kien miġjub wisq f'Sydney mar Melbourne biex jiltaqa' mal-Prim Ministru Hughes.[22] Hughes qabel li jħallu l-Maltin jiżbarkaw minn fuq il-bastiment żarmat jekk il-qassis (Bonnet) jiggarantixxi xogħol lil kull wieħed minnhom. Fit-13 ta' Marzu 1917, l-emigranti tħallew jinżlu l-art. Sitta u tletin minnhom inħattfu mil-Mount Lyell Mining Company u oħrajn sabu xogħol manwali ieħor. Xi wħud telgħu North Queensland biex jaqtgħu l-cane (Figura 10).[23] Ftit oħra ma sabux xogħol u għenhom Gerald Strickland mil-fondi tal-gvernatur. Ħamsa minn dawk li ħarbu mil-vapur abbandunat flimkien ma xi oħrajn intbagħtu lura Malta minn buthom.

Fl-1920 marru l-ewwel żewġ nisa Għawdxin ħdejn żwieġhom l-Awstralja. It-tnejn kienu mil-Għarb: Carmela Cauchi li fl-applikazzjoni tal-passaport niżżlet li kienet taħdem il-bizzilla u Rosa Spiteri, mara tad-dar.[24] It-tielet mara mil-Għarb li telqet lejn l-Awstralja kienet Katerina Camenzuli li ta' 45 sena qabdet l-erba' uliedha żgħar u marret ħdejn żewġha fil-farm tiegħu u ta' ħutu qrib Ingham, Queensland fl-1922. Wieħed mit-tfal kien Ġużepp Camenzuli ta' Jodros. L-istorja tiegħu nkitbet minn Mark Caruana fil-ktieb "Jodros l-Istorja ta' Emigrant."[25]

Ħafna minn dawn l-emigranti u wliedhom għamlu suċċess kbir f'din l-art il-ġdida minkejja d-diffikultajiet kollha li kellhom iħabbtu wiċċhom magħhom.



Figura 9. L-Anglia meta kien għadu sea worthy li mbagħad ġie żarmat fil-port ta' Sydney (hulk) fejn ġew miżmuma l-emigranti Maltin għal tlett xhur wara li rritornaw minn New Caledonia. (State Library of Queensland John Oxley Library)



Figura 10. Maltin jaqtgħu l-cane f' Queensland

Nixtieq niddedika din il-kitba lill-emigranti tal-Għarb u ta' San Lawrenz li ħallew raħal twelidhom u kollow li kienu jafu u jħobbu biex bi tbatija kbira ifittxu ħajja aħjar għalihom u l-familji tagħhom

**Referenzi**


1. York Barry. Maltese Male Immigrants in Australia in the 1920's. Journal of Intercultural Studies. 1988;9:37.
2. York Barry. The Maltese in Australia. AE Press, Melbourne 1986 paġ 10.
3. Ibid paġ 16.
4. Ibid paġ 24.
5. Ibid paġ 32.
6. Ibid paġ 41.
7. Ibid paġ 56.
8. Ibid paġ 54.
9. Xerri Raymond. Gozitan Crossings A&M Printing, Qala, Gozo. 2005 paġ 267-9.
10. Ibid paġ 269-274.
11. Caruana Mark, York Barry. Emanuel Attard from Gozo (Malta) to Gallipoli and Australia. CIMS (Australian National University) Australia. 1994 paġ 145-151.
12. Zammit Frank. Il-Ballata tal-Maltin ta' New Caledonia. Sydney 1988 paġ 58-65.
13. http://www.messageries-maritimes.org/gange.htm (aċċess fid-9 ta' Diċembru 2015)
14. York Barry. The Maltese in Australia. AE Press, Melbourne 1986 paġ 56.
15. Ibid paġ 56.
16. Ibid paġ 58.
17. Ibid paġ 58.
18. Ibid paġ 58-9.
19. *The Maltese.* Sydney Morning Herald, 25 November 1916 letters to the Editor.
20. York Barry. The Maltese in Australia. AE Press, Melbourne 1986 paġ 59.
21. Caruana Mark, Calleja Maria. Jodros, L-Istorja ta' Emigrant. Gozo Press, Gozo, Malta. 1999 paġ 2.
22. York Barry. The Maltese in Australia. AE Press, Melbourne 1986 paġ 60.
23. Ibid paġ 60.
24. Xerri Raymond. Gozitan Crossings A&M Printing, Qala, Gozo. 2005 paġ 274-5.
25. Caruana Mark, Calleja Maria. Jodros, L-Istorja ta' Emigrant. Gozo Press, Gozo, Malta. 1999.


## ĠITI KULTURALI BARRA MINN XTUTNA



Fix-xhur li għaddew il-Kunsill Lokali l-Għarb kien impenjat jipprepara applikazzjoni għall-fondi sabiex isiru skambji f'pajjiżi oħra ewropej. Waqt l-aħħar laqgħa s-Sindku nforma lill-membri li din l-applikazzjoni ġiet milqugħa u dan ser jagħmel possibli li tul l-2016 u 2017 l-Kunsill ser ikun qed jorganizza żjajjar fil-pajjiżi li ġejjin. Lousa, Portugal u ser nżuru Fatima. It-Tieni żjara ser issir ġewwa



Ortezzano u Gerano fl-Italja. Tul l-2016 il-Kunsill ser ikun qed jospita diversi mistiedna distinti sabiex iżuru l-lokalita' tagħna filwaqt li ser issir konferenza bejn il-partijiet kollha. Fl-2017 ser ikunu organizzati żjajar Macroom, Ireland fejn ser inżuru Knock County Mayo is-santwarju famuż fejn seħħet dehra tal-Madonna bl-istorja simili tas-



Santwarju ta' Pinu. Aktar tard fis-sena ser ikun hemm żjara oħra f'Korycin, Poland u inżuru Wadowice l-villaġġ fejn twieled il-Papa Gwanni Pawlu II. Il-proġett jagħlaq bl-aħħar żjara f'Pecky, Czech Republic fejn fost l-oħrajn ser inżuru ċ-ċentru l-antika ta' Czech Republic.

Aktar dettalji ser jingħataw fil-ġimgħat li ġejjin. Il-Kunsill javża li l-postijiet ser ikunu limitati minħabba il-limitazzjonijiet tal-proġett.

# Children's Corner









Once upon a time, there was a flock of doves that flew in search of food led by their king. One day, they had flown a long distance and were very tired. The dove king encouraged them to fly a little further. The smallest dove picked up speed and found some rice scattered beneath a banyan tree. So all the doves landed and began to eat.

Suddenly a net fell over them and they were all trapped. They saw a hunter approaching carrying a huge club. The doves desperately fluttered their wings trying to get out, but to no avail. The king had an idea. He advised all the doves to fly up together carrying the net with them. He said that there was strength in unity.

Each dove picked up a portion of the net and together they flew off carrying the net with them. The hunter looked up in astonishment. He tried to follow them, but they were flying high over hills and valleys. They flew to a hill near a city of temples where there lived a mouse who could help them. He was a faithful friend of the dove king.

When the mouse heard the loud noise of their approach, he went into hiding. The dove king gently called out to him and then the mouse was happy to see him. The dove king explained that they had been caught in a trap and needed the mouse's help to gnaw at the net with his teeth and set them free.

The mouse agreed saying that he would set the king free first. The king insisted that he first free his subjects and the king last. The mouse understood the king's feelings and complied with his wishes. He began to cut the net and one by one all the doves were freed including the dove king.

They all thanked the mouse and flew away together, united in their strength.

**Moral: When you work together, you are stronger.**

## *Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali l-Għarb. Għamel uzu minnhom!!!*

## Services offered by l-Għarb Local Council... Make use of them!!!!!



L-Uffiċju tal-Kunsill Lokali l-Għarb ikun miftuħ għall-pubbliku

- mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am u l-3.00pm
- nhar ta' Sibt bejn it-8.15am u l-11.15am

Il-pubbliku in ġenerali b'mod partikolari r-residenti ta' l-Għarb jistgħu jaslu wasla sa dan iċ-ċentru ċiviku fejn jistgħu jinqdew minn ħafna servizzi taħt saqaf wieħed.

Ir-residenti huma mistiedna sabiex jgħaddu l-ilmenti / suġġerimenti tagħhom lill-Kunsill billi jirrikorru l-uffiċju jew iċemplu fuq 21560556 jew permezz ta' l-email fuq gharb.lc@gov.mt. Il-Kunsill jieħu ħsieb li jagħmel dak kollu meħtieġ sabiex jgħin lir-residenti fejn hu possibli u bl-aħjar mod possibli.

Apparti dan, il-Kunsill joffri wkoll għadd ta' servizzi oħra fosthom dawn segwenti:

The offices of the l-Għarb Local are open for the public from:

- Monday to Friday between 8.00am and 3.00pm
- Saturday's between 8.15am and 11.15am

The general public, in particular the Għarb residents can come visit this civic center where they can avail of many services under one roof.

The residents are invited to present their complaints / suggestions to the Council either by calling personally or by phone on 21560556 or email on gharb.lc@gov.mt

The Council takes care in doing everything possible to help the residents when and in the best possible way.

Apart from this the Council also offers other services as follows:-



Servizz ta' **Librerija Pubblika** fejn kullħadd qed jiġi mistieden jasal wasla sal-librerija li tinsab ġewwa ċ-Ċentru Ċiviku u jissellef kotba tal-qari jew jagħmel xi riċerki minn fuq kotba ta' referenza. Meta wieħed jissieħeb ma' din il-librerija ikun jista' jsib għadd ta' kotba li jvarjaw minn kotba tat-tfal sa kotba għall-adulti non-fiction kif ukoll fiction. Żgur li wieħed isib ktieb / kotba ta' interess għalih. Ħinijiet tal-ftuh:

- Il-Ħamis mit-8.30am san-12.30pm
- Is-Sibt mit-8.30am sal-11am

Service of **Public Library** where everyone is welcome to visit the library which is located within the Civic Centre and borrow books or even make a reasearch from reference books. When one becomes a member of the library, he/she can choose from a number of books available which vary from children's books to adult books fiction and non fiction ones. Opening hours:

Thursday from 8.30am – 12.30pm

Saturday from 8.30am – 11am




Servizz ta' **WIFI** li huwa miftuħ għall-pubbliku in ġenerali. Dan is-servizz jiġi offrut mingħajr ħlas. Din tippermetti li min ikollu l-laptop / mobile tiegħu ikun jista' jaċċedi ukoll għal dan l-WIFI b'xejn.

**WIFI** Service which is open to the general public. This service is being offered free of charge. Residents can bring their laptop/ mobile phone and connect for free to this WIFI service.



Servizz għall-Anzjani Residenti huwa servizz ta' **Ċentru ta' Matul il-Jum**. L-Anzjani tal-Lokalita' huma kollha mistiedna sabiex jagħmlu użu minn dan is-servizz fejn kull nhar ta' Tnejn bus apposta tiġi tiġbor lill-Anzjani u teħodhom ġewwa dan iċ-Ċentru f'Għajnsielem fejn ikunu jistgħu iqattgħu ftit ħin b'attivitajiet organizzati apposta għalihom fosthom tombla u ħafna aktar...

Another service offered by the Council that is given the Elderly residents is that of a **Day Centre.** The Elderly residents are invited to make use of this service. Every Monday a special bus collects the Elderly to take them to the Day Centre where activities are organized for them such as tombola and much more....

Servizz ta' **Ġbir ta' Skart Domestiku u Skart għar-Reċiklaġġ** li jiġi offrut skond l-iskeda segwenti:-



**Għal matul is-sajf minn l-1 ta' Lulju sa l-aħħar ta' Settembru**

Il-Ġbir ta' **skart normali** jinġabar

- It-Tnejn
- l-Erbgħa
- l-Ħamis

jibda' madwar is-7.30am kif ukoll

- is-Sibt li jibda' fin-12.30pm

Il-Ġbir ta' **skart għar-reċiklaġġ** jinġabar kull nhar ta'

- Tlieta
- Ġimgħa

li jibda' madwar is-7.30am

**Għal matul ix-xitwa minn l-1 ta' Ottubru sa l-aħħar ta' Ġunju**

Il-Ġbir ta' skart normali jinġabar

- It-Tnejn
- l-Erbgħa

jibda' madwar is-7.30am kif ukoll

- Is-Sibt li jibda fin-12.30pm

**Il-Ġbir ta' skart għar-reċiklaġġ jinġabar kull nhar ta'**

- Tlieta
- Ġimgħa

li jibda' madwar is-7.30am

*Il-Kunsill jixtieq jiġbed l-attenzjoni tar-residenti kollha dwar is-sistema' tal-ġbir fejn huwa importanti li meta noħorgu l-iskart, dan inħalluh wara l-bieb tad-dar tagħha u f'ebda post ieħor. Min ikollu xi problema dwar il-ġbir ta' l-iskart huwa ġentilment mitlub sabiex jirrikorri jew iċempel lill-Kunsill u jispjega l-problema tiegħu.*

**Refuse Collection Service** is offered to the Gharb residents as per below schedule:-

**From 1st October till the end of June – Winter Schedule**

The collection of **Normal Refuse** is collected on

- Monday
- Wednesday

which start around 7.30am and on

- Saturdays which start around 12.30pm

The Collection of **Recycling Refuse** is collected on

- Tuesday
- Friday

which start around 7.30am

**From 1st July till the end of September – Summer Schedule**

The collection of **Normal Refuse** is collected on

- Monday
- Wednesday
- Thursday

which start around 7.30am and on

- Saturdays which start around 12.30pm

The Collection of **Recycling Refuse** is collected on

- Tuesday
- Friday

which starts around 7.30am

***The Council would like to request the resident's attention that refuse is to be left in front of the resident's household before the mentioned time. Residents who incur any problems are kindly requested to contact the Council and explain the situation.***

Servizz ta' **Reċiklaġġ** offrut 24 siegħa kuljum. Il-Kunsill iħeġġeġ lir-residenti kollha jipparteċipaw fis-sistemi tar-reċiklaġġ li għandna disponibbli fil-ġurnata tal-lum. Apparti l-ġbir ta' kull nhar ta' Tlieta bieb bieb, il-Kunsill għandu ukoll bins għar-reċiklaġġ tal-



- karti
- metal
- plastic
- ħġieġ

li jinsabu fi Triq il-Viżitazzjoni fejn il-gate ta' l-Iskola Primarja kif ukoll bin ieħor żgħir għall-ġbir ta' batteries li jinsab ġewwa l-Uffiċju tal-Kunsill. Huwa importanti li kull wieħed u waħda minnha ngħinu lill-Ambjent ta' madwarna billi nagħtu s-sehem tagħna f'dawn l-inizjattivi.

The Council also offers a 24-hour service of **Recycled Refuse** through bins which are located near the school gate. These bins are for:

- glass
- metal
- plastic
- papers

Another small bin for the **recycling of batteries** is found at the Council's offices. *It is important that all residents participate and give their contribution towards this ecological initiative.*

Servizz ta' **Open Skip** liema servizz qiegħed jiġi offrut mill-Kunsill Lokali nhar ta' Sibt. Dan is-servizz huwa miftuħ għar-residenti sabiex ikunu jistgħu jarmu l-iskart goff tagħhom ġewwa fih. Is-servizz matul is-sena 2016 ser jingħata bejn id-9.00am u l-10.30am fi Triq Tumas Cassar fil-ġurnata tas-Sibt f'dawn id-dati segwenti:

**9, 23 ta' Jannar, 6, 20 ta' Frar, 12 ta' Marzu, 2, 16, 30 ta' April, 14, 28 ta' Mejju, 11, 25 ta' Ġunju, 9, 23 ta' Lulju, 6, 20 ta' Awissu, 3, 17 ta' Settembru, 8, 22 ta' Ottubru, 5, 19 ta' Novembru, 3, 17 ta' Diċembru.**



**Open Skip** service is offered to the public on Saturday between 9.00am and 10.30am at Tumas Cassar Street between 9am – 10.30am. All residents who have any kind of bulky refuse can make use of this service. The service through the year 2016 will be provided every fortnight on the following dates:

**9th, 23rd January, 6th, 20th February, 12th March, 2nd, 16th, 30th April, 14th, 28th May, 11th, 25th June, 9th, 23rd July, 6th, 20th August, 3rd, 17th September, 8th, 22nd October, 5th, 19th November, 3rd, 17th, December**.

Il-Kunsill Lokali l-Għarb javża li wara li ġie sospiż is-servizz tal-ġbir tal-iskart goff bieb bieb mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika l-Kunsill ser jibda' jipprovdi dan is-servizz. Il-Kunsill ser ikun qed jikri t-truck bir-rati ta' €0.50 għal kull oġġett sa massimu ta' € 1.50. Kull min ikollu bżonn ta' dan is-servizz huwa ġentilment mitlub sabiex iċempel l-Uffiċju tal-Kunsill fuq 21560555 u jibbuka dan is-servizz.

Il-Kunsill jaċċetta ukoll **Ħlasijiet** ta' diversi servizzi fosthom

- ħlas ta' liċenzji tal-ħwienet
- ħlas tal-multi
- ħlas ta' raba' tal-Gvern
- ħlas ta' permessi



Apart from this service another related service is that of **Bulky Refuse** Service. L-Gharb Local Council would like to notify that after suspension of bulky refuse service by the Public Cleansing Department, the Council will take care to provide this service. The Council will book a truck with the following rates €0.50 for every object with a maximum of €1.50. Anyone needing this service is kindly requested to contact the Local Council on 21560556 and book this service.

The Council accepts **Payments** for various services such as:

- Shop Licenses
- Contraventions
- Government Land Rent
- Iissuing of various permits

Servizz ieħor offrut mill-Kunsill huwa l-**Manutenzjoni ta' dawl tat-toroq**. Dan is-servizz jinkludi fih id-dwal tat-toroq li huma mwaħħlin mal-hajt u li l-manutenzjoni taghhom issir minn kuntrattur tal-Kunsill. Id-dawl l-ieħor tat-triq li huma bozoz imwaħħla ma' arbli, dawn jieħdu ħsiebhom l-Enemalta. Ir-residenti xorta waħda huma imħeġġa sabiex kull rapport isir il-Kunsill Lokali u fejn hu possibli għandu jiġi innotat ukoll in-numru li jkun hemm imwaħħal mal-bozza. Kull bozza għandha fil-fatt numru għaliha u sabiex ma jkunx hemm diffikultajiet huwa importanti li r-rapport tal-ħsara issir permezz ta' dan in-numru.



Another service offered by the Council is that of **Street Lighting Maintenance**. A private contractor is responsible for the maintenance of all lights fixed to houses. The other street lighting such as lamps fixed to poles are maintained by the Enemalta Corporation. In both cases the residents are kindly requested to contact the Council and give details about the burnt lamps or intermittent lamps. It is advised that where possible, residents take note of the lamp number fixed to every lamp so that the report is as accurate as possible.



**TAL-PJAZZA** - https://www.skylinewebcams.com/it/webcam/malta/gozo/gharb/gharb-parish-church.html
**TAL-KNISJA** - https://www.skylinewebcams.com/it/webcam/malta/gozo/gharb/basilica-our-lady-of-visitation.html

# Il-Warda tar-Riħ fl-Għarb

Fil-proġett Il-Warda tar-Riħ, li huwa parti mill-programm kulturali ta' Valletta 2018, ġew ikkommissjonati r-Rubberbodies Collective li daru lejn il-komunità u talbu lin-nies minn tmien irħula different biex jirrakkuntaw l-istejjer tagħhom dwar ir-riħ. Din it-tema kienet magħżula għax ir-riħ kien minn dejjem preżenti fl-istorja ta' gżiritna. Iżda din id-darba, matul il-ħidma fuq il-proġett tal-Warda tar-Riħ, huma riedu jaħdmu ma' nies minn inħawi differenti madwar il-gżejjer tagħna.



Għalhekk intagħżlu erba' postijiet li huma ferm miftuħa għall-elementi; bħall-baħar u r-riħ, madwar il-gżejjer Maltin. L-Għarb, l-Imġarr, tas-Sliema u Marsaxlokk huma l-postijiet li kienu magħżula għax filwaqt li huma imbiegħda minn xulxin, fl-istess ħin għandhom l-elementi inkomuni. L-Għarb, li jinsab fil-quċċata ta' rdum totalment iżolat fl-aktar parti mwarrba tal-punent tal-Gżejjer Maltin, fil-gżira ta' Għawdex, intgħażel għaliex huwa espost għall-irjieħ kollha ġejjin mill-punent. Fil-punt l-aktar imbiegħed fix-xlokk ta' Malta ntgħażel Marsaxlokk, l-akbar komunità tas-sajd f'Malta organizzata madwar port, li tħares lejn l-irjieħ kollha li jiġu min-nofsinhar u mill-lvant. Tas-Sliema ntgħażlet minħabba l-pożizzjoni urbana unika tagħha mal-kosta, li hija esposta għal kull riħ mit-tramuntana u l-lvant. Fuq in-naħa l-oħra tal-gżira bi dritt tas-Sliema nsibu l-Imġarr, port imdawwar bl-għoljiet b'wied li jwassal sal-bajja.

Fil-bidu, l-idea tal-proġett kienet imsejsa fuq it-tradizzjoni mitlufa tat-tajra. L-ewwel avveniment li nħoloq kien jismu "Tiftakar l-Ewwel Darba li Għamilt Tajra?". Dan kien b'kollaborazzjoni ma' persuna tas-sengħa li tibni t-tajriet, fejn sar *workshop* mat-tfal fl-erba' lokalitajiet dwar kif tinbena tajra Maltija. Bl-għajnuna ta' dawn il-kunsilli lokali magħżula, xi persuni importanti fi ħdan il-komunità kienu mistiedna li jaqsmu xi informazzjoni dwar l-irjieħ u ġew mistiedna ukoll għal laqgħat fejn huma ġew mistoqsija biex jaqsmu informazzjoni, kanzunetti, oġġetti li kellhom jew stejjer li għandhom x'jaqsmu mar-riħ. Bis-saħħa ta' dan inġabru filmati ta' aktar minn sagħtejn ta' intervisti interesanti ma' 35 persuna fl-erba' lokalitajiet. L-istedina għadha miftuħa għal persuni minn dawn l-irħula, għaliex jistgħu jipprovdu aktar tagħrif li jkun ferm siewi għal dan il-proġett.

Fost l-oħrajn in-nies tal-lokal sarulhom dawn il-mistoqsijiet: *Liema riħ jogħġbok u liema wieħed idejqek b'mod partikolari? Għala? X'inhi l-aktar memorja sabiħa li għandek marbuta mar-riħ? U l-agħar memorja? Il-burdata tiegħek tiddependi skont ir-riħ? Jekk iva, liema riħ jew irjieħ u b'liema mod? Tiftakar xi ħolma marbuta mar-riħ? Taf xi stejjer, kanzunetti jew poeżiji dwar ir-riħ? Huma antiki jew moderni?*

Bis-saħħa ta' dawn il-persuni, dan il-grupp tgħallem dwar kif wieħed jista' jbassar l-irjieħ minn natura, il-ħeffa tal-isħab, is-sura tal-qamar, id-dija tal-qamar, u saħansitra d-direzzjoni lil fejn iħares qattus meta jkun qiegħed jaħsel wiċċu. Huma semgħu dwar liema ħuta għandha tiġi mistada skont kemm ikun qiegħed jonfoħ r-riħ. Kien hemm ukoll stejjer dwar kif ir-riħ ġarraf binjiet, dwar meta trombi fil-baħar ġew fuq l-art u tajru djar, annimali u siġar tal-ħarrub, u meta dgħajsa spiċċat minxura fuq arblu tad-dawl. Huma tgħallmu wkoll dwar kif mhux ħafna żmien ilu, in-nies kienu jdoqqu l-qniepel tal-knisja bit-tama li l-qaddis patrun tagħhom iwaqqaf ir-riħ, jew iwassal lura b'wiċċ il-ġid is-sajjieda mitlufin.

L-irwol tal-kollettiv bħala artisti f'dan il-proġett huwa li jkunu l-interpretu ta' dawn il-persuni, li huma kkuntattjaw fil-bidu nett tal-proġett. Il-kollettiv iltaqa' biex janalizza l-filmati ta' intervesti miġbura, u nħolqot lista pjuttost twila ta' ideat u xogħlijiet ta' arti li jistgħu jirriżultaw minn din l-informazzjoni.

Il-kollettiv jixtieq jirringrazzja lil dawk kollha li qegħdin jipparteċipaw u jrodd ġih lill-lokalità u l-komunità tagħhom. Huwa jixtieq jagħmel dan billi jibni u jinstalla pinnur f'kull waħda minn dawn il-lokalitajiet. Id-disinn u l-idea tal-pinnur huma bbażati fuq il-materjal li ssuġġerew in-nies tal-lokal. Intgħażel sit f'kull lokalità, wara li ntalbet l-opinjoni tal-persuni tal-lokal dwar il-post ideali fejn għandu jiġi installat. B'hekk, is-siti fejn beda dan il-proġett ser jiġu mmarkati b'punt ta' referenza tanġibbli għar-rakkont li ntiret. Dawn ser ikunu l-Kappella ta' San Dimitri fl-Għarb, il-Bajja tal-Exiles tas-Sliema, Xatt is-Sajjieda f'Marsaxlokk, u t-Torri tal-Lippija fl-Imġarr.

Il-kollettiv kellu x-xorti tajba li jiltaqa' ma' ammont kbir ta' informazzjoni li faċilment jintilef dwar l-inħawi tagħna u n-natura tagħna bħala abitanti ta' gżira. Dan l-għerf qabel kien jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra bil-fomm. Issa din l-informazzjoni qiegħda tiġi ddokumentata u interpretata mill-ġdid, minflok ma tkun fir-riskju li tintilef għal dejjem.

Rubberbodies Collective huwa kollettiv ta' artisti li twaqqaf f'Malta fl-2009. L-għanijiet ta' dan il-kollettiv huwa li joħloq produttività artistika innovattiva waqt li jrawwem kollaborazzjoni ma' artisti lokali, internazzjonali, kif ukoll mal-komunità. Ir-repertorju tal-kollettiv jikkonsisti fi produzzjonijiet għat-teatru, xogħlijiet performattivi maħluqa għal post speċifiku, kunċerti, wirjiet ta' arti plastika, pubblikazzjonijiet, filmati u xogħlijiet ta' installazzjoni. F'dawn l-aħħar ħames snin, waħda mit-temi ewlenin tal-kollettiv kienet il-baħar. Bis-saħħa' dan il-grupp inħolqu xogħlijiet b'din it-tema bi stejjer li inġabru mill-Mużew Marittimu ta' Malta.

"White Sea" u "Lore of the Sea" kienu żewġ produzzjonijiet li ttellaw minn dan l-grupp ta' artisti fl-2011. Dawn l-produzzjonijiet kienu bbażati fuq diversi aspetti tal-baħar, fosthom il-Port il-Kbir, il-Baħar Mediterran, kif ukoll fatti u stejjer miġbura mill-kuratur tal-Mużew Marittimu. It-tielet produzzjoni li kienet titratta dwar il-baħar kienet, "Old Salt" (2012) li kienet produzzjoni oriġinali mill-kollettiv u kienet imnebbħa minn riċerka dwar l-istorja marittima ta' Malta kif ukoll il-kaptani u l-furbani tas-seklu tmintax. Jekk tixtieq tikkuntatjana tista tgħamel dan fuq info@rubberbodies.com jew inkella tkellem lill-kunsill lokali tiegħak sabiex iqabdek magħna.

# RIĊETTI



Liza Frendo

## Lemon and Almond Tart



**Għall-għaġina jkollok bżonn:**
- 200g butir mhux mielaħ
- 300g dqiq
- 100g zokkor
- żewg bajdiet
- nofs qoxra tal-lumija maħkuka

**Għall-mili jkollok bżonn:**
- 4 bajdiet kbar imħabbtin
- 120g zokkor
- juice u l-qoxra maħkuka ta' tlett lumijat
- 120g butir mhux mielaħ
- 120g lewż mitħun
- ftit taqtir essenza tal-lewż
- krema imħabbta biex isservi kif tagħmel l-għaġina

**Kif tagħmel:**
Aħdem il-butir u z zokkor mad-dqiq sa ma jiġi qisu frak tal-ħobż, żid il-qoxra tal-lumija maħkuka.

Ħabbat l-isfar tal-bajd ġo bowl u żid miegħu mgħarfa ilma u ħabbat sewwa, issa żidu mat-taħlita tad-dqid u fforma għaġina lixxa, issa poġġija ġol-fridge għal xi nofs siegħa ħa tistrieħ.

Issa oħroġa mill-fridge u iftaħħa fuq id-dqiq u poġġija ġo turtiera tal-forn 23 cm u baxxa. Issa taqqab il-qiegħ b'furketta u erġa poġġija ġol forn għal madwar 15 il-minuta. Issa oħroġa mill-fridge, poġġi karta tal-forn fuqa imla il-wiċċ bil-ful niexef jew fażola u aħmi ġo forn 5ºC għal 12 il-minuta, wara neħħi l-karta u l-ful u erġa aħmi għal 5 minuti oħra u poġġi fil-ġenb.

**Kif tagħmel il-mili:**
Poġġi l-bajd, zokkor, il-qoxra tal-lumi u l-lumi magħsur u ħabbat sewwa sa ma' t-taħlita tiġi ħafifa . Żid l-essenza, wara żid il-butir maħlul u l-lewż mitħun, ħawwad sewwa u itfa ġo l-għaġina li tkun sajjart . Aħmi għal madwar 25-30 minuti. Ħalliha tiksaħ qabel ma sservi u servi bil-krema fuqa.

Isservi għal 8 persuni.

## Kaboċċi



**Jkollok bzonn:**
- Kaboċċa ftit kbira
- żewġ basliet mqattgħin żgħar
- 30g butir
- 200ml żejt
- 150g 'bacon'
- ftit 'rosemary' jekk tista friska
- 4 werqiet 'sage'
- 6 werqiet ħabaq frisk
- bott tadam mqatta'
- 1 'cube'
- 100ml 'hot water'
- melħ u bżar

**Kif taghmel:**
Aqta l-weraq ta' barra, aqsam il-kaboċċa f'erba, aħsilha sewwa u qattaħha 'slices' irqaq ħafna. Aqta' l- bacon fi strixxi rqaq. Poġġi ż-żejt ġo taġen, x'ħin jisħon żid il-butir. Issa itfa l-basal u x'ħin jiħmar żid il-'bacon', 'rosemary', ħabaq u 'sage'. X'ħin il-bacon jiħmar żid il-kaboċċa u żid it-tadam. Issa ħoll il-'cube' ġol -misħun u żid mat-taħlita, żid il-melħ u bżar. Għatti it-taġen u ħallih ittektek għal siegħa, wara ikxef it-taġen, ħalli itektek biex il-'liquid' jonqos.

Tista' sservi mal-laħam.

## Fenek bil-bżaru aħmar



**Jkollok bżonn:**
- fenek ta' kilo u ftit
- 3 bżariet ħomor
- nofs tazza ħall abjad
- żewġ irjus tewm
- ftit 'thyme'
- ftit tursin imqatta rqieq
- werqa randa
- 4 mgħaref żejt taż-żebbuġa
- ftit dqiq, melħ u bżar
- ftit brodu magħmul mill-'cubes'

**Kif taghmel:**
Lesti l-fenek mqatta' f'biċċiet, wara laħalħu sewwa u qattru mill-ilma. Poġġi ż-żejt ġo taġen jekk jista' jkun minn dawk li ma jwaħħalx. X'ħin jisħon iż-żejt aqli l-fenek biċċa biċċa wara li tkun gerbibtu ġo dqiq. Aqli minn żewġ naħħiet sa ma tara li ħa kulur dehebi.

Issa żid il-ħall u ħallieħ jevapora waqt li tħalli nar qawwi, żid werqa randa, tewm misħuq, 'thyme', tursin u fl-aħħar il-brodu, melħ u bżar. Għatti u ħallih itektek għal nofs siegħa. Issa naddaf il-bżaru aħmar u qattgħu fi strixxi ħoxnin u żidu mal-fenek. Jekk ikun se jixxotta żid ftit brodu. Kompli sajjar għal nofs siegħa u ħawwad kull tant. Servi sħun mal-patata.

# Is-Snin Bikrin. L-importanza tal-iżvilupp fil-lingwa u l-komunikazzjoni.



**Elizabeth Mizzi – B.Ed. earliers**

Is-Snin Bikrin (0- 6 snin) huma snin importanti ħafna fl-iżvilupp tat-tfal. Peress li dan hu suġġett interessanti u vast ħafna, illum xtaqt li nikteb dwar il-komunikazzjoni u l-iżvilupp tal-lingwa.

It-tagħlim ta' lingwa jinvolvi l-ħiliet tat-taħdit, smiegħ, kif ukoll il-kitba u l-qari. Pero wieħed ma jistgħax jiżviluppa dawn il-ħiliet jekk ma jitgħallimx jikkomunika. Fil-fatt il-komunikazzjoni ma ssirx biss permezz tal-lingwa mitkelma. Meta jkunu għadhom żgħar it-tfal jikkomunikaw b'modi differenti li jinkludu: espressjonijiet tal-wiċċ, l-intonazzjoni li jużaw meta jagħmlu xi ħsejjes, meta jimitaw xi azzjoni, kif ukoll dak li nsejħulu *body language*. Għalkemm il-komunikazzjoni ssir meta wieħed qed jitkellem u l-ieħor jisma, ħafna drabi ninsew ukoll li l-komunikazzjoni tista' ssir permezz tas-sinjali w anke permezz ta' oġġetti. Eż. jekk it-tifel jixtieq jilgħab, jaqbad il-ballun u jtih lill-adult biex jurih li jixtiequ jilgħab miegħu.

Importanti wkoll li minn mindu ikunu għadhom żgħar, nirrispondu għal dak li qed jikkomunikaw t-tfal u nagħtuhom ċans li huma jirrispondu lura wkoll bil-mod tagħhom. F'dan l-istadju, t-tfal iħobbu jużaw sinjali, jippuntaw lejn oġġetti jew ilissnu kelma waħda. Eż. Jekk it-tifel qal *bye* għax ra persuna sejra, l-adult irid jirrispondih lura u jgħidlu, «Iva, in-nanna sejra w aħna għednielha *bye*". B'hekk inkunu qegħdin ngħinuhom jiżviluppaw il-lingwa.

Għalhekk, fis-snin bikrin hu mportanti li nkellmu lit-tfal u ninkluduhom f'dak kollu li nkunu qed nagħmlu fid-dar w anke barra. Kull esperjenza nistgħu nbiddluha f'waħda edukattiva meta t-tfal nagħtuhom ċans jesploraw kull ambjent ġdid li nesponuhom għalih (bla ma' joħolqu nkonvenjent għal ħaddieħor), waqt li nispjegawlhom dwar dak li qed jesperjenzaw. B'dan il-mod huma jkunu qed iwessgħu l-esperjenzi tagħhom kif ukoll jitgħallmu vokabolarju ġdid.

Huwa ħafna mportanti li t-tfal jitgħallmu li biex wieħed jikkomunika, irid ukoll jitgħallem jisma waqt li jħares lejn dak li qed ikellmu. Iridu wkoll jitgħallmu jistennew sa xħin imiss lilhom li jitkellmu- dawn huma ħiliet kruċjali ħafna biex bihom t-tfal ikunu jistgħu jibnu relazzjonijiet ma' dawk ta' madwarhom kif ukoll il-quddiem meta jibdew imorru l-iskola.

It-tfal ikomplu jibnu fuq il-ħiliet lingwistiċi li diġa għandhom meta jibdew jattendu *Day Care Centres* jew *Kindergarten*. Hawnhekk it-tfal mhux biss ikomplu jiżviluppaw l-ħiliet tat-taħdit u s-smiegħ permezz tal-logħob, qari ta' stejjer u kant, imma wkoll jibdew jiġu ppreparati għall-ħiliet tal-kitba u l-qari b'dawk il-ħiliet li nsejħulhom *pre writing* u *pre reading*. Ġeneralment, dan isir permezz ta' krafts w għalhekk it-tfal tgħidx kemm jieħdu pjaċir.

Il-bażi tal-kitba u tal-qari nistgħu wkoll insaħħuha minn eta' żgħira ħafna billi mhux biss nitkellmu mat-tfal tagħna dwar dak kollu li nkunu qed nagħmlu fid-dar, imma wkoll billi nsibu ftit ħin kuljum biex naqrawlhom u nesponuhom għall-lingwa miktuba. Minbarra li naqrawlhom kotba adattati għalihom, hu ideali li nitkellmu magħhom fuq l-istampi li jaraw fil-kotba. B'hekk it-tfal ikunu qed jigħallmu kliem ġdid- li forsi mhux dejjem nużaw waqt li nitkellmu, kif ukoll jidraw iħobbu l-qari. Hawn min li ta' sentejn ikun diġa' jaf jaqra kotba ħfief li jkun sema' kemm il-darba. Għalkemm ikun qed jaqra bl-amment, hu jkun qed jibni l-kunfidenza fih nnifsu li jaf jaqra minn eta' veru żgħira.

*Reading makes children smarter*- hekk qrajt dan l-aħjar fuq rivista barranija. Minbarra li jitgħallmu vokabularju ġdid, kif ukoll kif jinkitbu l-kliem, aħna l-adulti nkunu qed ngħinuhom jiżviluppaw dak l-element ta' kurżita', immaġinazzjoni kif ukoll jitgħallmu jirraġunaw u jsaqsu. Għalhekk inkunu qed ngħinuhom ħafna billi nsaqsuhom dwar dak li qed jaraw, kif ukoll niġbdulhom l-attenzjoni għal dettalji fl-istampi tal-kotba. U meta jkunu fit ikbar (3 - 6 snin) nistgħu ninkuraġġuhom biex jirrakontawlna huma l-istejjer li nkunu qrajnielhom...

Bħala preparazzjoni għall-ħila tal-kitba hu mporanti li t-tfal ninkuraġġuhom ipinġu kif jafu. Jekk għadhom żgħar ħafna, inħalluhom jesperimentaw b'kuluri ħoxnin w anke bil-pniezel u ż-żebgħa. Tajjeb ukoll li lit-tfal inħeġġuhom jitkellmu dwar dak li jpinġu għax it-tpinġija tgħin lit-tfal jitrasferixxu l-ideat tagħhom fuq il-karta. It-tpinġija tgħinhom ukoll biex jikkomunikaw dak li forsi ma jirnexxielhomx jikkomunikaw bil-kliem...

2015



# Mid-Djarju tal-Kunsill

**FRAR 2015**: -Sar il-ftuħ mill-ġdid taċ-Ċentru tas-Saħħa ta' l-Għarb. Bħala parti mill-programm nhar l-Erbgħa 25 ta' Frar il-Kunsill Lokali l-Għarb ipprovda *healthy breakfast* lill-istudenti ta' l-Iskola Primarja ta' l-Għarb. Is-Sindku David Apap Agius flimkien ma' membri tal-Primary Health Section kienu preżenti waqt din attivita'. Il-ftuħ uffiċċjali sar nhar il-Ħamis 26 ta' Frar mis-Segretarju Parlamentari l-Onoroveli Chris Fearne flimkien mas-Sindku, Viċi Sindku u Kunsillera bil-parteċipazzjoni ta' l-Iskola Primarja ta' l-Għarb. Ingħataw ukoll lezzjonijiet ta' l-eżerċizzju lill-istudenti ta' l-Iskola Primarja biex inqajjmu l-importanza ta' l-eżerċizzju għas-saħħa.





***FEBRUARY 2015**: Official reopening of the Health Centre of the Gharb. As part of the program on Wednesday 25th February, the l-Gharb Local Council provided a healthy breakfast to all students attending Gharb Primary School. Mayor David Apap Agius together with members of the Primary Health Section were present during this activity. The official opening was held on Thursday 26th February by the Parliamentary Secretary Hon. Chris Fearne and the Mayor in the presence of the Deputy Mayor and Councilors with the participation of the Gharb Primary School students. The students were also given a fitness session to educate them with the importance health living.*

**APRIL 2015**: Nhar Ħadd il-Għid il-Kunsill Lokali l-Għarb qassam bajd ta' l-Għid lit-tfal kollha preżenti għall-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt fi Pjazza Żjara tal-Madonna.

***APRIL 2015:** On Easter Sunday l-Gharb Local Council distributed Easter eggs to all locality children present for the procession of the Risen Christ in Pjazza Zjara tal-Madonna.*



**ĠUNJU 2015**: Intemmet il-kariga ta' l-ewwel Ambaxxatur taż-żgħażagħ 'Vote 16' Pierre Camenzuli. F'Ġunju ta' l-2015 Katrina Grima intgħażlet mill-Kunsill Lokali sabiex tieħu l-kariga ta' l-Ambaxxatur taż-żgħażagħ ta' l-Għarb.

***JUNE 2015:** The term of the first Youth Ambassador, Vote 16 Pierre Camenzuli was terminated. In June 2015, Katrina Grima was chosen by the Local Council to be the second Youth Ambassador of Gharb.*

**LULJU 2015**: Il-Kunsill organizza korsijiet għal matul is-Sajf. Dawn il-korsijiet kienu tal-fotografija, tal-ħjata, tal-liċenzja tal-bexx kif ukoll tal-liċenzja tad-dgħajsa.

***JULY 2015:** The Council organized summer courses. Courses held photography, curtain making, license in spraying of fields as well as boat license.*

**LULJU 2015**: Għall-14 il-sena konsekuttiva, il-Ħadd 5 ta' Lulju, nhar il-Festa ta' l-Għarb, il-Kunsill Lokali l-Għarb organizza l-Infiorata fuq iz-zuntier tal-Knisja. It-temi li ffurmaw din l-Infiorata kienu s-sena ddedikata lill-Ħajja kkonsagrata, l-Emblema ta' l-Arċisqof 'il ġdid ta' Malta, 150 sena Djoċesi ta' Għawdex. Il-Ħadd kmieni wara nofs in-nhar hekk kif spiċċa l-marċ tal-11am għadd ta' voluntiera kemm kbar kif ukoll żgħar inġabru fuq iz-zuntier tal-Knisja sabiex jinbeda x-xogħol fuq l-Infiorata fejn din tlestiet fil-ħin sabiex il-purċissjoni bl-istatwa tal-Viżitazzjoni tgħaddi minn fuqha.



***JULY 2015:** For the 14th consecutive year, on Sunday 5th July 2015, l-Gharb Local Council organized the Infiorata on the*

*church parvis during Gharb's feast. The themes that formed part of this year's Infiorata were: a theme dedicated to the consecrated life, the emblem of the new Archbishop of Malta and 150 years Diocese of Gozo. On Sunday, early in the afternoon as soon as the 11am band march finished a number of volunteers both adults and children gathered on the parvis of the church to start work on the Infiorata, where it was completed in time so the procession with the statue of the Visitation to pass on this carpet of fresh flowers.*

**AWISSU 2015**: Nhar il-Erbgħa 5 ta' Awissu, fit-8pm, inżammet serata mill-Kunsill Lokali l-Għarb sabiex jinawgura x-xogħolijiet ta' tisbieħ li saru ġewwa il-grawnd tal-football Perit Wiġi Portelli. Il-Proġett kien jinkludi l-kostruzzjoni tat-trakka tal-ġiri, dawl ġdid u fence kif ukoll installazjoni ta' turf sintetiku fuq il-grawnd Perit Wiġi Portelli. Dawn ix-xogħolijiet ġew inawgurati mill-Onor. Justyne Caruana flimkien mas-Sindku David Apap Agius. Is-serata ingħatat bidu permezz ta' marċ mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni matul Triq Tumas Cassar segwit b'programm fejn kien hemm fost oħrajn intervent mill-Perit Edward Scerri dwar l-istorja ta' l-Għarb Rangers u dwar ix-xogħolijiet li saru fuq il-proġett tal-Leisure Area. Is-Sindku David Apap Agius u l-Onor. Justyne Caruana taw il-messaġġ tagħhom għall-okkażjoni. Iċ-Ċerimonja inkludiet ukoll il-ftuħ uffiċjali tal-kumpless Sportiv li ġie imsemmi għal Mario Bajada, żgħażugħ mill-Għarb li kien jilgħab ma' l-Għarb Rangers FC u li miet traġikament snin ilu. Iktar tard fis-serata inxtegħlu d-dwal tal-ground u ingħata bidu għall-partita ta' ħbiberija bejn il-pleyers ta' l-Għarb Rangers FC u dawk oħrajn li kienu jilgħabu magħhom snin ilu.





***AUGUST 2015:** On Wednesday 5th August at 8pm, the Council inawgurated the embellishment works carried out on Perit Wigi Portelli football ground. The Project included the construction ofa jogging track, new lights, new fence and installation of synthetic turf in the ground. These works were inaugurated by Hon. Dr. Justyne Caruana together with Mayor David Apap Agius. The evening started with a band march by Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni along Tumas Cassar Street followed by a program of activities which included amongs others an intervention by the Architect Edward Scerri on the history of the Gharb Rangers F.C. and the works on the project of the Leisure Area. Mayor David Apap Agius and Hon. Dr. Justyne Caruana delivered their message for the occasion. The ceremony also included the official opening of the sports complex that was named after Mario Bajada, a young man from Gharb who played with the Gharb Rangers F.C. and who tragically died years ago. Later in the evening the ground lights were lit and a friendly football match was held between players of the Gharb Rangers F.C. and the old boys.*

**AWISSU 2015**: Għad-disa' sena konsekuttiva, il-Kunsill Lokali l-Għarb bil-kollaborazzjoni tal-Malta Records organizza Seħer il-Punent bit-tema 'Festa Bettieħ' nhar il-Ħadd 16 ta' Awissu. Din l-attivita', li saret fi Pjazza Żjara tal-Madonna inkludiet bejgħ ta' Bettieħ ta' kull tip, diversi logħob għat-tfal, kant minn talenti lokali u ntemmet bi tribute ta' Feddie Mercury minn James Mercury Mifsud.





***AUGUST 2015:** For the ninth consecutive year, l-Għarb Local Council in collaboration with the Malta Records organized Seħer il-Punent festival with the theme being 'Festa Bettieh', which was held on Sunday 16 August. This event, that was held in Pjazza Zjara tal-Madonna which included the selling of melons of all kinds, various games for children, singing by local talents and other activities.The evening ended with a tribute of Feddie Mercury by James Mercury Mifsud.*

**AWISSU 2015**: Nhar is-Sibt 29 ta' Awissu l-Kunsill iċċelebra Jum l-Għarb. Din l-attivtia' inbdiet b'Quddiesa ta' radd il-Ħajr ġewwa l-Knisja Bażilika ta' l-Għarb konċelebrata mill-kapitlu flimkien ma' l-Arcipriet Mons. Joseph Sultana. Fi tmiem il-quddiesa ġew imbierka żewġ lapidi li ġew imwaħħlin fejn il-bieb l-kbir tal-knisja, waħda dwar it-twaqqif tal-parroċċa u oħra li tfakkar erba' personalitajiet ulied din il-parroċċa li huma Karmni Grima, Franġisk Portelli, Frenċ tal-Għarb u l-Isqof Emeritus Nikol Ġużeppi Cauchi. Dawn ġew imbierka mill-Propost Dun Guzepp Tabone u oħra minn Mons. Achille Cauchi. Wara, ittgħellet serata kulturali fil-pjazza li kienet

animata b'mużika imtella' mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni. Il-programm beda b'daqq ta' Innu lil l-Għarb waqt it-tqegħid ta' kuruni quddiem il-monument ta' l-Isqof Mikiel Molina b'tifkira tat-twaqqif tal-parroċċa mill-mistiedna u għaqdiet lokali preżenti. Fil-bidu tas-serata saret preżentazzjoni ta' Award ġdid "Personal Achievement Award" sponsorjat minn John Edwards direttur tal-kumpanija "Jetrad" lil Lisa Marie Micallef għall-isforzi u l-kisbiet tagħha. Is-serata tkompliet b'qari ta' pożija miktuba għall-okkażjoni mill-Kav. Joe M. Attard u moqrija mill-Ambaxxatur taż-żgħażagħ Katrina Grima. Aktar tard saret il-preżentazzjoni ta' Premju Qlub Ġenerużi li ngħata lill-familja Xuereb u Premju Volontarjat Lokali li ngħata lil Carmela Cassar. Dawn ġew preżentati mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor Anton Refalo. Il-Ministru wassal il-messaġġ tiegħu ta' l-okkażjoni. Il-programm tkompla b'parteċipazzjoni ta' tfal tad-drama tas-summer club fejn kien imtella' mill-parroċċa bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fejn ġiet preżentata parti mill-*Musical* 'Mose'. It-tfajla Leya Attard kantat ukoll siltiet mużikali bil-vuċi sabieħa tagħha. Award ieħor bl-isem 'The Gharb Gozitan Cultural Award' din is-sena ġie mogħti lil Andrea Muscat segwit b'diskors ta' l-okkażjoni mis-Segretarju Parlamentari l-Onor Justyne Caruana. Waqt is-serata s-Sindku David Apap Agius ħabbar inizjattiva li kien għadu kif ħa l-Kunsill bil-publikazzjoni ta' libret bil-memorji taċ-Ċentru Parrokkjali "Ħidma fiċ-Ċentru Parrokkjali, 1969 -2009, 40 sena" miġbura mill-Propostu Dun Guzepp Tabone wara 40 sena ta' servizz u ppreżentat lilu bħala sorpriża. Premju Ġieħ l-Għarb din is-sena ġie mogħti lill-Kan. Dun Mikiel Cauchi għall-ħidma pastorali tiegħu fil-lokalita', fis-Santwarju ta' Pinu u fid-djoċesi ta' Għawdex. Fl-għeluq is-serata s-Sindku David Apap Agius wassal il-messaġġ tiegħu għall-okkażjoni. Is-serata ingħalqet bil-qsim ta' cake ta' l-okkażjoni u wara sar reċiviment għal kull min kien preżenti.















***AUGUST 2015:** On Saturday 29th of August the Council celebrated Għarb Day. The activities initiated by a Mass of thanksgiving in the Basilica of Għarb concelebrated by the chapter together with Archpriest Mgr. Joseph Sultana. At the end of the Mass two marble plaques, fixed on each side of the main church door were blessed. One represented the founding of the parish and the other commemorating four personalities of this parish that are Karmela Grima, Frangisk Portelli , Frenċ ta' L-Għarb and Bishop Emeritus Nikol Ġużeppi Cauchi. One was blessed by Fr. Joseph Tabone and another one by Mons. Achille Cauchi. This was followed by a cultural evening held in the square where music was played by Għaqda Mużikali Viżitazzjoni. Wreaths were placed infront of Bishop Molina monument by Council members, MPs and local organizations.*

*During the evening a new Award - "Personal Achievement Award" was sponsored by John Edwards director of the company "Jetrad" to Lisa Marie Micallef for her efforts and achievements. The evening continued by the reading of a poem written for the occasion by Chev. Joe M. Attard and read by the Youth Ambassador Katrina Grima. Later another presentaion of "Qlub Ġenerużi 2015" was presented to the Xuereb family and Local Voluntary Award given to Carmela Cassar. They were presented by the Minister for Gozo, the Hon Anton Refalo. The Minister delivered his speech for the occasion. The program continued with the participation of children from the drama section of the summer club which was organized by the parish in collaboration with the Local Council where they presented a part of the Musical 'Moses'. Leya Attard a young local talent also sang songs with her beautiful voice. Another award entitled 'The Gharb Gozitan Cultural Award was presented to Andrea Muscat and was followed by a speech for the occasion by Parliamentary Secretary Hon. Dr. Justyne Caruana. During the evening Mayor David Apap Agius announced an initiative taken by the Council where a booklet was published including memories of the Parish Centre "Working at the Parish Centre, 1969 -2009, 40 years" compiled by Fr Joseph Tabone after 40 years of service and was presented to him as a surprise. Gharb Award was awarded to Fr. Michael Cauchi for his pastoral work in the locality, at Ta' Pinu Sanctuary and in the Diocese of Gozo. Mayor David Apap Agius delivered his speech for the occasion. The evening was closed by cutting of the cake for the occasion followed by a reception for all present.*

**SETTEMBRU 2015**: Nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru l-Kunsill Lokali organizza ħarġa kulturali għar-residenti. Għal din il-ħarġa attendew numru sabiħ ta' residenti fejn żaru l-Parlament il-Ġdid fejn kellhom opportunita' unika li jużaw il-lift għall-Barrakka ta' Fuq fejn hemmhekk ġew mogħtija snack, żaru l-Ġnien taċ-Ċiniżi li għadu kif ġie renovat u semgħu quddiesa ġewwa l-Knisja tat-Twelid tal-Verġni Marija l-Isla. Il-ħarġa intemmet b'ikla ġewwa Bistro ten o one fi Smart City fejn raw l-ispettaklu tal-mixgħela tal-funtana.





***SEPTEMBER 2015**: On Thursday 24th of September, l-Gharb Local Council organised a cultural outing for the residents. A number of residents attended for this outing. They visited the New Parliament and also had the opportunity to use the lift that led them to the Upper Barrakka Gardens where they were also given a snack. Afterwards they visited the Chinese gardens that has been recently renovated, and had a mass at Isla. The outing finished with a dinner at Bistro ten o one at Smart City were they saw the spectacle of the dancing water fountain.*

**OTTUBRU 2015**: Nhar il-Ġimgħa 17 ta' Ottubru ġiet imtella' wirja tal-fotografija bl-isem 'FRAMMENTI' minn Grupp Għawdxi ġewwa l-gallerija tal-arti, Ċentru Ċiviku Kunsill Lokali l-Għarb. Il-wirja ġiet inawgurata mill-Onorevoli Ministru għal Għawdex Anton Refalo.
***OCTOBER 2015**: A photography exhibition "FRAMMETTI" was inaugurated on Friday 17th October, 2015 at the Art gallery Gharb Civic Centre. This exhibition was inaugurated by the Minister for Gozo Hon. Anton Refalo.*

**OTTUBRU 2015**: Riċentament sar kordinazzjoni u ġbid ta' filming biex isir reklam kummerċjali ġdid tad-ditta Hugo Boss. Dan inġibed minn ġewwa Wied il-Mielaħ fl-Għarb Għawdex. Il-Post ġie ikkunsidrat meraviljuż mit-tim barrani kif ukoll għal nies Maltin li qatt ma kienu żaruh qabel.



***OCTOBER 2015**: Recently, coordination and filming was held for a new commercial advert of Hugo Boss. This filming took place at Wied il-Mielah, l-Gharb Gozo. The place was considered spectacular from the foreign team and also from Maltese people that never visited before.*

**OTTUBRU 2015:** Il-Kunsill Lokali organizza korsijiet tal-bini tal-presepju, tal-liċenzja tal-bexx u sezzjonijiet tal-pilates għal matul ix-Xitwa.
***OCTOBER 2015:** L-Gharb Local Council organised courses in crib making, license in spraying of fields and pilates classes for winter season.*

**OTTUBRU 2015**: Il-Kunsill Lokali l-Għarb ħa l-inizjattiva li jidħol fi skema tal-European Mobility Week u irnexxielu jikseb fondi sabiex issir attivita' li seħħet il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru, 2015. Għal din l-attivita' Pjazza Żjara tal-Madonna kienet magħluqa għat-traffiku. L-għan ta' din l-attivita' kienet li nnaqsu l-użu tal-vetturi u nagħmlu aktar użu fiżiku biex immorru minn post għall-ieħor. L-Iskola Primarja ta' l-Għarb ħadet sehem waqt din l-attivita' billi organizzat l-assembly ta' dik il-ġurnata ġewwa Pjazza Żjara tal-Madonna fejn l-istudenti marru l-pjazza bil-mixi mill-iskola. Il-Kunsill qassam flixken ta' l-ilma kif ukoll pakketti taċ-ċereali lil kull student sabiex iqajjem l-importanza ta' Healthy Eating. Aktar tard l-Eċċellenza tagħha l-President

Marie Louise Coleiro Preca fetħet program ta' kompetizzjoni ta' logħob ta' l-isnooker fejn kull parteċipant ta donazzjoni b'risq l-istrina fejn ġiet mitluba ttellgħa l-poloz sabiex jinbeda l-logħob. Bħala mistiedena speċjali kien hemm preżenti Brian Cini '2 time under 17 European Snooker Championship Winner'.







***OCTOBER 2015**: A Car Free Day 2015 was held on Friday 30th October, 2015. The main square, Pjazza Zjara tal-Madonna was closed to traffic. The purpose of this activity was to minimize the use of vehicles and live healthier by talking / use of bicycles to go from one place to another. The Primary School of Gharb participated during this event by organizing the morning assembly on the day in Pjazza Zjara tal-Madonna. The students were encouraged to go to the square from school on foot. The Council distributed bottles of water and packets of cereal to each student so to enhance the importance of Healthy Eating. Later in the evening her Excellency President of Malta Marie Louise Coleiro Preca opened a program of snooker games competition where each participant gave a donation towards Malta Community Chest Fund. Special guest Brian Cini '2 time Under 17 European Snooker Championship Winner' was also present for this activity. Apart from the participants and guests, a good number of people also attended for this activity.*

**OTTUBRU 2015**: Bħal kull sena l-Kunsill organizza attivita' tal-Halloween għat-tfal tal-Primarja mill-year 1 sal-year 6. Għal din l-attivita' it-tfal kellhom l-opportunita' jilbsu kostum tal-Halloween u jidħlu f'atmosfera differenti. Waqt l-attivita' inqrat storja bit-tema tal-Halloween u kellhom ukoll show tal-maġija. Fl-aħħar tas-serata tqassam ħelu lit-tfal kollha preżenti.



***OCTOBER 2015**: L-Gharb Local Council organised a Halloween activity for primary children from year 1 to year 6. For this activity the children had the opportunity to wear a Halloween costume. A Halloween story was animated to the children followed by a Magic Show. At the end of the activity the children were given sweets.*

DIĊEMBRU 2015 – It-Tnejn 14 ta' Diċembru s-Sala tal-Kunsill Lokali l-Għarb intgħażlet sabiex issir konferenza fejn is-Segretarjat Stefan Buontempo qassam fondi lir-Reġjun ta' Għawdex. Għal din il-konferenza attendew membri mill-Kunsilli Lokali t'Għawdex.



*DECEMBER 2015 –On Monday 14th of December, l-Għarb Local Council's hall was chosen and a conference was held. The Secretariat Stefan Buontempo distributed funds to the Gozo Region. A number of Gozo Local Councils members attended for this conference.*

DIĊEMBRU 2015 – Nhar il-Ħadd 20 ta' Diċembru saret attivita' b'risq l-Istrina fi Pjazza Żjara tal-Madonna fil-preżenza tal-President ta' Malta l-E.T. is-Sinjura Mary Louise Coleiro Preca. Waqt din l-attivita' ndaqqu marċi mill-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni li akkumpanjat ukoll il-Purċissjoni tal-Bambin. Indaqqu ukollu siltiet ta' kant mill-kor taħt id-direzzjoni ta' Maxine Debrincat. Waqt l-attivita' inghatat il-gabra li saret mir-residenti ta' l-Gharb ghall-Istrina lill-President ta' Malta kif ukoll il-gabra li saret waqt l-attivita' ta' l-isnooker li giet





organizzata fil-'Car Free Day' aktar kmieni din is-sena. Tqassmu wkoll torti tal-lampuki u nbid lokali ghal kull min kien prezenti. Dak inhar stess filghaxija waqt il-muzikal tal-parocca tqassmu rigali lit-tfal kollha prezenti mill- Kunsill Lokali l-Gharb.

*DECEMBER 2015 - On Sunday 20th December an activity in aid of l-"Istrina" was held at Pjazza Zjara tal-Madonna in the presence of the President of Malta H.E. Mrs. Mary Louise Coleiro Preca. During this event Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni played marches and also accompanied the procession of Baby Jesus. The Choir under the direction of Maxine Debrincat also sang Christmas Carols. During the activity the funds collected by the residents were presented to the President of Malta together with other funds collected during the snooker event organised as part of the car free day earlier this year. Wine and lampuki pies were also distributed for all those present. In the evening during the parish musical the Local Council distributed Christmas presents for all locality children.*



## Statement of comprehensive income for year ended 31 December 2014

| | € |
|---|---|
| INCOME | |
| Funds received from central government | 281,723.00 |
| Income from Local Enforcement System | 753.00 |
| General Income | 33,354.00 |
| | **315,830.00** |
| EXPENDITURE | |
| Personal emoluments | -57,324.00 |
| Operations and maintenance | -62,735.00 |
| Administration and other expenditure | -181,323.00 |
| | **-301,382.00** |
| Operating Surplus for the year | 14,448.00 |
| Investment income | 148.00 |
| Finance costs | -5,011.00 |
| **Total Comprehensive Income for the year/period** | **9,585.00** |

## OPERATIONS AND MAINTENANCE

| | |
|---|---|
| **Repairs and Upkeep:** | |
| Road and Street Pavements (patching works) | 2,916.00 |
| Repairs and upkeep | 9,412.00 |
| Signs and road markings | 757.00 |
| Office furniture and Equipment | 1,162.00 |
| Damages paid | 0.00 |
| Other | 0.00 |
| M323 Restoration Project | 12,480.00 |
| **Total** | **26,727.00** |
| **Contractual Services:** | |
| Refuse Collection (including bins on wheels) | 15,843.00 |
| Bulky Refuse Collection (including open skips) | 3,900.00 |
| Road and Street Cleaning (mechanical and manual) | 1,250.00 |
| Cleaning and maintenance of Public Conveniences | 4,051.00 |
| Cleaning and Maintenance of non-urban | 560.00 |
| Cleaning and Maintenance of council premises | 470.00 |
| Obimed Project | 0.00 |
| Hire of skips | 0.00 |
| Street Lighting | 8,371.00 |
| Other | 1,563.00 |
| | **36,008.00** |
| **Total Operations and Maintenance Expenses** | **62,735.00** |
| ADMINISTRATION AND OTHER EXPENDITURE 2013 | |
| Utilities | 12,955.00 |
| Materials and supplies | 4,688.00 |
| Rent | 3,104.00 |
| National and International memberships | 575.00 |
| Office Services | |
| Transport | 6,041.00 |
| Travel | 2,652.00 |
| Information Services | 17,466.00 |
| Professional Services | 12,364.00 |
| Training | 180.00 |
| Community and Hospitatlity | 25,523.00 |
| Impairment of receivables | |
| Depreciation | 95,775.00 |
| | **181,323.00** |

# Hodie Christus Natus Est

**Kav Joe M Attard**
*Victoria Għawdex - 2015*

Xejn ma nbati sabiex nikteb
Poeżija tal-Milied –
Hawn arawni ħiereġ b'waħda
La darba dan wara l-bieb!

U x'ser naqbad nikteb aktar
Dwar dil-festa hekk sabiħa
Meta jiena s-sena kollha
Tal-Milied żgur ngħix bir-riħa.

Din il-ġrajja lilna tfakkar
Fit-twelid ta' dit-tarbija
Li hekk kif għajnejha fetħet
Imliet lilna bl-armonija!

Għalkemm tgerbu elfejn sena
Minn dak illi ġara f'Betlem,
Dak il-ferħ u dik il-hena
Bla dubju jibqgħu għal dejjem.

U kull sena kif Diċembru
Jibda lejna riesaq qrib
Fuq kull wiċċ ta' ferħ tbissima
Lil kull bniedem dan iġib.

Biex dal-ferħ ma jkun qatt nieqes
F'dawn il-ġranet tal-Milied
Hemm bżonn li nxerrdu l-Presepju
Mal-irħula u l-ibliet.

Għalhekk twieldet f'Għawdex tagħna
L-Għaqda Ħbieb minn tal-Presepju;
Tul dawn l-aħħar *tletin sena*
Ma waqfitx tagħti l-eżempju

Biex dil-grotta fqira w ħelwa
Issib postha ġo kull dar
Bil-pasturi, djar, xi mitħna
U fil-bogħod anki xi swar,

U fiċ-ċentru l-Bambin ċkejken
Għan-nifs sħun ta' baqra w ħmar
Waqt li r-ragħajja għarkubbtejhom
Mistagħġbin bl-għaġeb li sar!

Kemm nixtieq li kont ngħix f'Betlem
Ġo xi gorboġ f'dak iż-żmien
Kieku żgur li l-bieb kont niftaħ
Lil dil-ħlejqa ta' ftit jiem

U bil-ferħ nilqagħha ġewwa
Ma' Ġużeppi u Marija -
Ġenituri xxurtjati
Ta' din iċ-ċkejkna tarbija.

Imma il-Feddej tal-bniedem
Ma riedx vilel u palazzi,
Xi kastell jew xi dar kbira
Kollha twapet u arazzi,

Imma għar f'nofs il-kampanja
F'lejl tax-xitwa kollha ksieħ
Biex hemmhekk għajnejh ibexxaq
Għall-kant ta' l-anġli sabiħ.

Bi twelidek ibqa' ferraħ
Lilna lkoll Gesu' Bambin;
Ibqa' saltan fid-djar tagħna
Għalik dejjem għandna l-ħin.

Mank li kien dal-ferħ tal-għaġeb
Li jġib miegħu l-Milied
Jibqa' magħna s-sena kollha
U jirbaħ fuq kull inkwiet.

Illum Kristu twieled fostna
Għaliex tant ħabb lill-bnedmin;
Jalla b'dan it-twelid tiegħu
Ngħixu għal dejjem henjin!

"L-Għaqda Ħbieb minn tal-Presepju"
Nawgurawlha aktar snin
Biex ħidmietha tkompli tifrex
Fost il-Maltin u l-Għawdxin.






*Is-Sindku David Apap Agius,*
*Viċi Sindku, Kunsilliera,*
*Segretarju Eżekuttiv u staff jixtiequ*
*il-Festi t-Tajba lil kulħadd*

*The Mayor David Apap Agius,*
*Deputy Mayor, Councillors, Executive*
*Secretary and staff would*
*like to wish everyone all the best*
*for this festive season*

